

# Il-Ġurnal Uffiċjali

# L 288

## ta' l-Unjoni Ewropea

Volum 50

6 ta' Novembru 2007

Edizzjoni bil-Malti

### Leġiżlazzjoni

Werrej

I Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja

#### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1292/2007 tat-30 ta' Ottubru 2007 li jimponi dazju defenittiv ta' antidumping fuq importazzjonijiet ta' tertuqa tat-terefal tal-polietilene(PET) li joriġinaw fl-Indja, wara reviżjoni ta' l-iskadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, u li jtemm ir-reviżjoni parzjali interim skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96** ..... 1
- ★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1293/2007 tat-30 ta' Ottubru 2007 li tirrevoka d-dazji ta' antidumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1050/2002 dwar importazzjonijiet ta' compact disks li wieħed jista' jirrekordja fuqhom li joriġinaw fit-Tajwan u li jippermetti r-rifużjoni jew ir-remissjoni tagħhom kif ukoll li jirrevoka d-dazji kompensatorji imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 960/2003 dwar importazzjonijiet ta' compact disks li jistgħu jkunu rrekordjati li joriġinaw mill-Indja, li jippermetti r-rifużjoni jew ir-remissjoni tagħhom u li jtemm il-proċediment li jirrigwardahom** ..... 17
- Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1294/2007 tal-5 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ..... 20
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1295/2007 tal-5 ta' Novembru 2007 li jagħmel l-importazzjonijiet ta' ċertu frott taċ-ċitru ppreparat jew ippriżervat (jiġifieri l-mandolin, eċċ.) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina suġġetti għal reġistrazzjoni** ..... 22
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1296/2007 tal-5 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi proj-bizzjoni fuq is-sajd għall-merluzz fi Skagerrak minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Iżvezja** ..... 25

2

(l-kompli fil-paġna ta' wara)



L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DIRETTIVI

- ★ **Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji ta' l-għargħar <sup>(1)</sup> .....** 27
- 

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kummissjoni**

2007/710/KE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ottubru 2007 li jemenda l-Appendiċi B ta' l-Anness VII ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fir-rigward ta' ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam, tal-laħam tat-tjur, tal-ħut u tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib fir-Rumanija (notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5210) <sup>(1)</sup> .....** 35
- 

III *Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE*

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

2007/711/CFSP:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà BiH/11/2007 tal-25 ta' Settembru 2007 dwar il-ħatra ta' Kmandant tal-Forza ta' l-UE għall-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea fil- Bosnja u Herzegovina .....** 60



<sup>(1)</sup> Test b'relevanza għaż-ŻEE

## I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1292/2007

tat-30 ta' Ottubru 2007

li jimponi dazju defenittiv ta' antidumping fuq importazzjonijiet ta' tertuqa tat-terefalal tal-polietilene(PET) li joriġinaw fl-Indja, wara reviżjoni ta' l-iskadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, u li jtemm ir-reviżjoni parzjali interim skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

dazju ta' 17,3 % imposta fuq l-importazzjonijiet mill-kumpaniji l-oħrajn kollha. L-investigazzjoni li wasslet għar-Regolament (KE) Nru 1676/2001 kif immodifikat se tissejjaħ "l-investigazzjoni oriġinali".

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-ħarsien kontra l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea <sup>(1)</sup> ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikoli 11(2) u 11(3) tiegħu,

(2) Il-miżuri imposti fuq importazzjonijiet mill-Indja fl-investigazzjoni oriġinali kienu estiżi bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1975/2004 <sup>(4)</sup> għal importazzjonijiet tat-tertuqa PET ikkunsinjati mill-Brażil u mill-Iżrael, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Brażil inkella mill-Iżrael.

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

(3) Il-Kummissjoni, permezz tad-Deċiżjoni 2001/645/KE <sup>(5)</sup> li taċċetta garanziji offruti minn ħames produttori Indjani b'konnessjoni ma' l-investigazzjoni oriġinali. Il-garanziji ġew irrevokati permezz tad-Deċiżjoni 2006/173/KE <sup>(6)</sup>.

Billi:

## A. PROCĊEDURA

## 1. Miżuri fis-seħħ

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1676/2001 <sup>(2)</sup> kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1424/2006 <sup>(3)</sup> impona dazju defenittiv ta' l-anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' tertuqa polyethylene terephthalate (PET) film li joriġinaw, inter alia fl-Indja. Il-miżuri, soġġetti għar-reviżjonijiet attwali, ħadu l-forma ta' dazju ad valorem ta' l-antidumping, li jvarja bejn 0 % u 18 %, impost fuq l-importazzjonijiet minn esportaturi msemmija individwalment, b'rata residwa ta'

(4) Il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 367/2001 kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1124/2007 <sup>(7)</sup> impona dazju kompensatorju defenittiv fuq importazzjonijiet ta' tertuqa PET li joriġinaw fl-Indja. Il-miżuri ħadu l-forma ta' dazju ad valorem li jvarja bejn 7 % u 19,1 % impost fuq l-importazzjonijiet minn esportaturi msemmija individwalment, b'rata residwa ta' dazju ta' 19,1 % imposta fuq l-importazzjonijiet mill-kumpaniji l-oħrajn kollha. L-investigazzjoni li wasslet għar-Regolament (KE) Nru 367/2006 kif emendat għandha tissejjaħ "l-investigazzjoni preċedenti ta' kontra s-sussidju".

<sup>(1)</sup> ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

<sup>(2)</sup> ĠU L 227, 23.8.2001, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 270, 29.9.2006, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 342, 18.11.2004, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 227, 23.8.2001, p. 56.

<sup>(6)</sup> ĠU L 68, 8.3.2006, p. 37.

<sup>(7)</sup> ĠU L 255, 29.9.2007, p. 1.

## 2. It-talba għal reviżjoni

- (5) Fit-23 ta' Mejju 2006 u t-3 ta' Lulju 2006 rispettivament, talba għal reviżjoni ta' l-iskadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku u talba għal reviżjoni parzjali interim skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, limitata għall-valutazzjoni ta' dumping minn Jindal Poly Films Limited ("Jindal"), tressqu mill-produtturi li ġejjin tal-Komunità: Du Pont Teijin Films, Mitsubishi Polyester Film GmbH u Nuroll SpA ("l-applikanti"). L-applikanti jirrapreżentaw il-proporzjoni maġġuri tal-produzzjoni tal-Komunità tat-tertuqa PET.
- (6) L-applikanti allegaw u pprovdew biżżejjed evidenza prima facie li: (a) hemm probabilita' ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u ħsara lill-industrija tal-Komunità, u (b) iċ-ċirkostanzi fir-rigward ta' dumping li fuq il-bażi tagħhom kienu stabbiliti l-miżuri għal Jindal inbidlu u dawn il-bidliet huma ta' natura dewwiema.

## 3. L-investigazzjoni

- (7) Wara li ġie determinat, fuq konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kienet teżisti evidenza biżżejjed biex jingħata bidu għar-reviżjoni ta' skadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku u għal reviżjoni parzjali interim skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni ħabbet fit-22 ta' Awissu 2006 <sup>(1)</sup> u l-25 ta' Awissu 2006 <sup>(2)</sup> rispettivament, permezz ta' notifiċi ta' inizjazzjoni ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, il-bidu tat-tali reviżjonijiet.
- (8) Ir-reviżjoni parzjali interim kienet limitata fl-ambitu sabiex teżamina d-dumping li għandu x'jaqsam ma' Jindal. Il-perjodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni ("PIR") ġie stipulat mill-1 ta' Lulju 2005 sat-30 ta' Ġunju 2006. L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni ta' probabilita' ta' tkomplija jew rikorrenza ta' ħsara kopra l-perjodu mill-2003 sa tmiem il-PIR ("il-perjodu meġjus").

## 4. Il-partijiet ikkonċernati

- (9) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-produtturi esportaturi, lir-rappreżentanti tal-pajjiż ta' l-esportazzjoni, il-produtturi tal-Komunità, l-importaturi u l-utenti magħrufa li huma kkonċernati bil-bidu tar-reviżjoni ta' l-iskadenza. Għaż-żewġ reviżjonijiet, il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità biex jikkomunikaw l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u biex jitolbu seduta fil-limitu ta' żmien stipulat fl-avviżi ta' bidu.
- (10) Il-partijiet interessati kollha li għamli din it-talba u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex kellhom jinstemgħu, ingħataw seduta.

- (11) Fir-rigward tar-reviżjoni ta' l-iskadenza, fid-dawl tal-għadd apparentament għoli ta' produtturi esportaturi ta' tertuqa PET fl-Indja li ssemew fit-talba, kien previst l-użu ta' tekniki ta' teħid ta' kampjuni fl-avviż ta' l-inizjazzjoni skond l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku. Sabiex jiġi deċiż jekk it-teħid ta' kampjuni huwiex meħtieġ u, jekk dan ikun il-każ, jingħażel kampjun, il-produtturi esportaturi kollha ntablu li jagħmlu lilhom infushom magħrufa u ntablu jipprovdew, kif speċifikat fl-avviż ta' l-inizjazzjoni, tagħrif bażiku dwar l-attivitajiet tagħhom relatati mat-tertuqa PET matul il-PIR. Sitt produtturi esportaturi fl-Indja indikaw ir-rieda tagħhom li jikkoooperaw. Minn dawn is-sitt produtturi esportaturi, intgħażlu tliet kumpaniji (Ester Industries Limited, Garware Polyester Limited u Jindal), għall-kampjun u waslilhom kwestjonarju. Dawn il-kumpaniji nstabu li jikkostitwixxu l-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lill-Komunità tat-tertuqa PET li seta' jiġi investigat b'mod raġjonevoli fi ħdan iż-żmien disponibbli, skond l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku.

- (12) Barra minn dan, il-Kummissjoni baġtet kwestjonarji lill-partijiet l-oħra kollha magħrufa li huma kkonċernati jew li għamli ruħhom magħrufa fiż-żminijiet stipulati fl-avviż ta' l-inizjazzjoni. Waslu tweġibiet sħaħ mill-produtturi tal-Komunità, il-produtturi esportaturi li ttieħdu bħala kampjun, importatur/utent wieħed u erba' utenti.

- (13) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li hija qieset meħtieġ għad-determinazzjoni ta' dumping u ħsara kif ukoll sabiex tiddetermina jekk hemmx probabilita' ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping jew ħsara u jekk il-preżervazzjoni tal-miżuri tkunx fl-interess tal-Komunità. Żjajjar ta' verifika twettqu fuq il-post tal-partijiet interessati li ġejjin:

### (a) Il-produtturi Komunitarji

- Dupont Teijin Films (il-Lussemburgu)
- Mitsubishi Polyester Film GmbH (il-Ġermanja)
- Nuroll SpA (l-Italja)
- Toray Plastics Europe (Franza)

### (b) Produtturi esportaturi fl-Indja

- Ester Industries Limited, New Delhi
- Garware Polyester Limited, Aurangabad
- Jindal Poly Films Limited, New Delhi

<sup>(1)</sup> ĠU C 197, 22.8.2006, p. 2.

<sup>(2)</sup> ĠU C 202, 25.8.2006, p. 16.

(ċ) *Importatur/utent relatat fil-Komunità*

— REXOR SAS (Franza)

(d) *Importatur/utent*

— COVERNE SpA (l-Italja)

(e) *utenti*

— SAFTA SpA (l-Italja)

— METALVUOTO SpA (l-Italja)

**B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI****1. Prodott ikkonċernat**

- (14) Il-prodott ikkonċernat kien l-istess bħal fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri t-tertuqa tat-terefal tal-polietilene (PET) li toriġina fl-Indja, normalment iddikjarata taħt il-kodiċi NM ex 3920 62 19 u ex 3920 62 90.

**2. Prodott Simili**

- (15) L-istess bħall-investigazzjoni oriġinali, instab li t-tertuqa PET prodotta u mibjugħa fis-suq domestiku fl-Indja u t-tertuqa PET esportata lejn il-Komunità mill-Indja għandha l-istess karatteristiċi u użi bażiċi fiżiċi u tekniċi. Għalhekk, dawn il-prodotti huma simili fis-sens ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

**Ċ. REVIŻJONI PARZJALI INTERIM: DUMPING****1. Il-valur normali**

- (16) Sabiex jiġi stabbilit il-valur normali, l-ewwel ġie vverifikat li l-bejgħ domestiku totali ta' Jindal kien rappreżentattiv skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri li dan kien jgħodd għal 5 % jew aktar tal-volum ta' bejgħ totali tal-prodott ikkonċernat esportat lejn il-Komunità.
- (17) Imbagħad ġie aċċertat jekk il-bejgħ domestiku totali ta' kull tip ta' prodott kienx jikkostitwixxi 5 % jew aktar mill-volum ta' bejgħ ta' l-istess tip esportat lejn il-Komunità.
- (18) Għat-tipi tal-prodott fejn il-bejgħ domestiku kien jikkostitwixxi 5 % jew aktar tal-volum tal-bejgħ ta' l-istess tip esportat lejn il-Komunità, ġie mbagħad eżaminat jekk sarx bejgħ biżżejjed fl-andament normali tal-kummerċ skond l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Għal kull prodott tat-tip fejn il-volum ta' bejgħ domestiku li sar 'il fuq min-nefqa ta' produzzjoni kien jirrappreżenta 80 % tal-bejgħ, il-valur normali kien stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet bil-piż differenzjat li fil-fatt tħallas għall-bejgħ

domestiku kollu. Għal dawk it-tipi tal-prodott fejn il-volum ta' tranżazzjonijiet profitabbli kien taħt ta' 80 % jew inqas, iżda mhux inqas minn 10 % tal-bejgħ, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz bil-piż differenzjat li fil-fatt tħallas għall-bejgħ domestiku profittabbli biss. Għal dawk it-tipi tal-prodott fejn anqas minn 10 %, skond il-volum, inbiegħu fis-suq domestiku fi prezz li mhuwiex anqas mill-ispiża ta' l-unità, tqies li t-tip tal-prodott ikkonċernat ma nbiegħx fl-andament normali tal-kummerċ u għalhekk, il-valur normali kellu jinħoloq skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku.

- (19) Għat-tipi tal-prodott fejn il-prezzijiet domestiċi tal-produttur esportatur ma setgħux jintużaw sabiex jistabbilixxu valur normali minħabba rappreżentattività insuffiċjenti jew minħabba nuqqas ta' bejgħ fl-andament normali tal-kummerċ, il-valur normali inħoloq fuq il-bażi ta' l-ispejjeż tal-manifattura li ġġarrbu mill-produttur esportatur ikkonċernat flimkien ma' ammont raġjonevoli għall-ispejjeż ġenerali, amministrattivi u ta' bejgħ ("SGAB") u għall-profitti, skond l-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku.

- (20) L-SGAB kienu bbażati fuq spejjeż tali mġarrba mill-produttur esportatur fir-rigward tal-bejgħ domestiku tiegħu tal-prodott ikkonċernat, li nstabu li kienu rappreżentattivi. Il-marġini tal-profitt kien ikkalkolat fuq il-bażi tal-marġini medja tal-profitt bil-piż differenzjat tal-kumpanija għal dawk it-tipi tal-prodott mibjugħa fis-suq domestiku fi kwantitajiet biżżejjed fl-andament normali tal-kummerċ.

**2. Il-prezz ta' l-esportazzjoni**

- (21) Il-maġġornaza vasta ta' l-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità matul il-PIR saret lill-konsumaturi indipendenti. Għalhekk, il-prezz ta' l-esportazzjoni ġie stabbilit skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku fuq il-bażi tal-prezz ta' l-esportazzjoni realment imħallas jew li għandu jitħallas.
- (22) Uħud mill-bejgħ ta' l-esportazzjoni saru lil kumpanija relatata fil-Komunità. Il-kumpanija relatata ma bieghetx l-oġġetti mill-ġdid direttament iżda ttrasformathom b'mod sostanzjali, sal-punt li l-ħolqien tal-prezz ta' l-esportazzjoni tal-prodott esportat fuq il-bażi tal-prezz ta' bejgħ mill-ġdid tal-prodott ittrasformat skond l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku nstab li ma jstax jinħadem. Il-prezzijiet li Jindal iżżommilha lil din il-kumpanija relatata tqabblu mal-prezzijiet magħmula minn Jindal lill-konsumaturi relatati tagħha fil-Komunità għat-tipi tal-prodott simili matul il-PIR. Minħabba li nstab li dawn iż-żewġ settijiet ta' prezzijiet kienu skond kull tip tal-prodott, ġie konkluż li l-prezzijiet li Jindal iżżomm lill-parti relatata magħha fil-Komunità kienu attendibbli u setgħu jintużaw għall-kalkolu tal-prezz ta' l-esportazzjoni.

### 3. It-Tqabbil

(23) Il-valur normali u l-prezz għall-esportazzjoni tqabblu fuq bażi ex-fabbrika. Sabiex ikun żgurat tqabbil ġust, saret konċessjoni xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-komparabilità tal-prezzijiet skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Skond dan, l-aġġustament saru għad-differenzi fi skonti, ribassi, trasport, ġestjoni, tagħbija u spejjeż anċillari, ippakkjar, kreditu u kummissjonijiet, fejn applikabbli u sostnuti b'evidenza vverifikata.

(24) Jindal iddikjarat aġġustament għall-valur normali għad-dazju ta' l-importazzjoni li ma nġabarx taħt l-Iskema ta' Liċenzja Preliminari (Advance Licence Scheme – ALS) fuq importazzjonijiet ta' materja prima użata fil-manifattura ta' oġġett għall-esportazzjoni. L-ALS tippermetti l-importazzjoni ta' materja prima ħielsa mid-dazju, bil-kondizzjoni li l-kumpanija tesporta kwantità u valur korrispondenti tal-prodott lest determinati skond normi standard fissi uffiċjalment ta' kontribut u riżultat. L-importazzjonijiet li jaqgħu taħt l-ALS jistgħu jintużaw jew għall-produzzjoni ta' oġġetti ta' l-esportazzjoni inkella għar-riformiment ta' kontributi domestiċi użati sabiex jipproduċu oġġetti tali. Il-kumpanija ddikjarat li l-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn il-KE ntużaw sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti li jaqgħu taħt l-ALS fir-rigward ta' materja prima importata. Ma saret l-ebda konklużjoni dwar jekk din id-dikjarazzjoni kinitx iġġustifikata jew le għal din id-dikjarazzjoni, fid-dawl li l-kumpanija, fi kwalunkwe każ, instabet li ma kenitx qed twettaq dumping fil-PIR u mhu se tagħmel l-ebda impatt fuq ir-riżultat finali ta' l-investigazzjoni ta' reviżjoni.

### 4. Il-marġini ta' dumping

(25) Il-marġini tad-dumping kien stabbilit fuq il-baży ta' taqbbil ta' valur normali tal-medja bil-piż differenzjat ma' prezz ta' esportazzjoni tal-medja bil-piż differenzjat, skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku.

(26) Dan it-tqabbil wera marġini negattiv ta' dumping.

### 5. In-natura dejjiema taċ-ċirkostanzi mibdula

(27) Skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku kien ukoll eżaminat jekk is-sejbiet stabbilit fl-andament ta' din l-investigazzjoni setgħux jiġu deskritti b'mod raġjonevoli bħala ta' natura dejjiema.

(28) F'dan ir-rigward, qiegħed jifakkur li Jindal instabet li ma kinitx qed twettaq dumping f'żewġ investigazzjonijiet

konsekuttivi konklużi permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1676/2001 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 390/2005<sup>(1)</sup>. Dawn is-sejbiet ta' l-ebda dumping ġew ikkonfermati mill-investigazzjoni attwali, u mhemm l-ebda element li jindika li din il-qagħda ta' l-ebda dumping ma għandhiex tkun ta' natura dejjiema.

(29) Għalhekk qed jitqies li l-miżuri attwali fir-rigward ta' Jindal qed jiksbu r-riżultati mixtieqa u ma għandhomx jinbidlu.

## D REVIŻJONI TA' L-ISKADENZA

### D.1 PROBABBILTÀ TA' TKOMPLIJA JEW RIKORRENZA TA' DUMPING

#### 1. Rimarki preliminari

(30) Skond l-Eurostat, il-volum tal-prodott ikkonċernat impurtat fil-Komunità mill-Indja kien jammonta għal 23 472 tunnellata matul il-PIR. Minn din il-kwantità, it-tliet produtture li ntgħażlu bħala kampjun kienu jgħoddu għal madwar 97 % matul il-PIR u Jindal waħidha kienet tgħodd għal madwar 90 % tal-volum totali ta' esportazzjoni mill-Indja lill-KE matul il-PIR.

(31) Matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni (PI) ta' l-investigazzjoni oriġinali (1 ta' April 1999 sal-31 ta' Marzu 2000), il-volum ta' importazzjonijiet mill-Indja kien ta' 50 590 tunnellata. Matul il-PI ta' l-investigazzjoni preċedenti ta' kontra s-sussidju (1 ta' Ottubru 2003 sat-30 ta' Settembru 2004), il-volum ta' importazzjonijiet mill-Indja kien ta' 12 679 tunnellata.

#### 2. Dumping ta' importazzjonijiet matul il-PIR

##### 2.1. Kumment preliminari

(32) Kif imsemmi fil-(11) hawn fuq, kien hemm tliet produtture esportaturi li ttieħdu bħala kampjun. Għal Jindal, japplikaw is-sejbiet ippreżentati fis-(16) sas-(26).

##### 2.2. Il-valur normali

(33) Sabiex jiġi stabbilit il-valur normali għal Garware u Ester, l-ewwel ġie vverifikat li l-bejgħ domestiku rrapportat ta' kull produttur esportatur kien rappreżentattiv skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri li dan kien jgħodd għal 5 % jew aktar tal-volum ta' bejgħ irrapportat tal-prodott ikkonċernat esportat lejn il-Komunità.

<sup>(1)</sup> ĠU L 63, 10.3.2005, p. 1.

- (34) Imbagħad għe aċċertat jekk il-bejgħ domestiku totali ta' kull tip ta' prodott kienx jikkostitwixxi 5 % jew aktar mill-volum ta' bejgħ ta' l-istess tip esportat lejn il-Komunità.
- (35) Għat-tipi tal-prodott fejn il-bejgħ domestiku kien jikkostitwixxi 5 % jew aktar tal-volum tal-bejgħ ta' l-istess tip esportat lejn il-Komunità, għe mbagħad eżaminat jekk sarx bejgħ biżżejjed fl-andament normali tal-kummerċ skond l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Għal kull prodott tat-tip fejn il-volum ta' bejgħ domestiku li sar 'il fuq min-nefqa ta' produzzjoni kien jirrappreżenta 80 % tal-bejgħ, il-valur normali kien stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet bil-piż differenzjat li fil-fatt tħallas għall-bejgħ domestiku kollu. Għal dawk it-tipi tal-prodott fejn il-volum ta' tranżazzjonijiet profitabbli kien taħt ta' 80 % jew inqas, iżda mhux inqas minn 10 % tal-bejgħ, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz bil-piż differenzjat li fil-fatt tħallas għall-bejgħ domestiku profitabbli biss. Għal dawk it-tipi tal-prodott fejn anqas minn 10 %, skond il-volum, inbiegħu fis-suq domestiku fi prezz li mhuwiex anqas mill-ispiża ta' l-unità, tqies li t-tip tal-prodott ikkonċernat ma nbiegħx fl-andament normali tal-kummerċ u għalhekk, il-valur normali kellu jinħoloq skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku.
- (36) Għat-tipi tal-prodott fejn il-prezzijiet domestiċi tal-produttur esportatur ma setgħux jintużaw sabiex jistabbilixxu valur normali minħabba rappreżentattività insuffiċjenti jew minħabba nuqqas ta' bejgħ fl-andament normali tal-kummerċ, il-valur normali inħoloq fuq il-bażi ta' l-ispejjeż tal-manifattura li ġġarrbu mill-produttur esportatur ikkonċernat flimkien ma' ammont raġjonevoli għall-ispejjeż ġenerali, amministrattivi u ta' bejgħ ("SGAB") u għall-profitti, skond l-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku.
- (37) L-SGAB kienu bbażati fuq spejjeż tali mġarrba mill-produttur esportatur fir-rigward tal-bejgħ domestiku tiegħu tal-prodott ikkonċernat, li nstabu li kienu rappreżentattivi. Il-marġini tal-profitt kien ikkalkolat fuq il-bażi tal-marġini medja tal-profitt bil-piż differenzjat tal-kumpanija għal dawk it-tipi tal-prodott mibjugħa fis-suq domestiku fi kwantitajiet biżżejjed fl-andament normali tal-kummerċ.
- 2.3. *Il-prezz ta' l-esportazzjoni*
- (38) F'dak li għandu x'jaqsam mad-determinazzjoni tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni, għandu jinfakkar li l-investigazzjoni attwali tfittex li tistabbilixxi jekk, f'każ li l-miżuri protettivi jiġu rrevokati, id-dumping jissuktax jew jerġax iseħħ. F'dak il-kuntest, id-determinazzjoni tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni użati fil-kalkolu tad-dumping ma tistax tkun limitata għal eżaminazzjoni ta' l-imgħiba ta' l-esportatur fil-passat, iżda trid teżamina wkoll l-iżvilupp probabbli tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni fil-futur. Fi kliem ieħor, għandu jiġi ddeterminat jekk il-prezzijiet tal-passat ta' l-esportazzjoni humiex attendibbli bħala indikazzjoni tal-prezzijiet futuri probabbli ta' l-esportazzjoni.
- (39) Fid-dawl ta' l-eżistenza ta' impenji fil-qasam tal-prezzijiet matul parti mill-PIR, għe eżaminat b'mod partikolari jekk l-eżistenza ta' impenji tali influwenzatx il-prezzijiet tal-passat ta' l-esportazzjoni, b'mod li tagħmilhom inattendibbli għall-ħolqien ta' mgħiba futura ta' l-esportazzjoni. Huwa nnutat ukoll li l-impenji fil-qasam ta' prezzijiet ta' Garware u Ester ġew irtirati fid-9 ta' Marzu 2006, filwaqt li l-PIR ikopri l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2005 sat-30 ta' Ġunju 2006. Kemm għal Garware kif ukoll għal Ester, instab li tranżazzjonijiet ta' esportazzjoni li sehew matul il-PIR meta l-impenji fil-qasam tal-prezzijiet kienu fis-seħħ saru fi prezzijiet li huma qrib biżżejjed tal-programm indikattiv multiannwali b'tali mod li jixħtu dubju fir-rigward ta' jekk dawn il-prezzijiet jistgħux jitqiesu ta' natura dejiema u jistgħux jiġu ffixxati indipendentement mill-programm indikattiv multiannwali Raġunament simili kien diġà deskritt taħt it-(28) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 366/2006 (1).
- (40) F'dak li għandu x'jaqsam ma' Garware, tranżazzjonijiet li saru matul il-PIR wara l-irtirar ta' l-impenji jkopru madwar 20 % tal-volum totali ta' l-esportazzjonijiet u saru b'kontinwità wara l-irtirar ta' l-impenji. Fid-dawl tal-volumi esportati wara li skada l-impenn fit-8 ta' Marzu 2006, il-prezzijiet li saru għal dawn it-tranżazzjonijiet tqiesu bħala rappreżentazzjoni sinifikanti ta' x'setgħet kienet il-politika ta' pprezzar ta' Garware fin-nuqqas ta' l-impenji. Skond dan, il-prezzijiet li saru għal dawn it-tranżazzjonijiet intużaw għall-kalkolu tal-prezz ta' l-esportazzjoni għal kwantitajiet kollha esportati minn Garware matul il-PIR sħiħ.
- (41) F'dak li għandu x'jaqsam ma' Garware, tranżazzjonijiet li saru matul il-PIR wara l-irtirar ta' l-impenji jkopru madwar 5 % tal-volum totali ta' l-esportazzjonijiet u saru b'kontinwità wara l-irtirar ta' l-impenji. Għalhekk, il-prezzijiet ta' dawn it-tranżazzjonijiet ma jistgħux jitqiesu bħala rappreżentattivi tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni li l-kumpanija kieku kellha tipprattika fin-nuqqas ta' l-impenn. Kif diġà indikat taħt id-(39) hawn fuq, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lill-Komunità pprattikati minn Ester qabel l-irtirar ta' l-impenji kienu qrib għall-programm indikattiv multiannwali. Barra minn dan, instab li l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni ta' Ester lil pajjiżi terzi oħra, kemm meta meqjusa fuq bażi tal-medja bil-piż differenzjat kif ukoll fuq bażi ta' tip wara tip, kienu konsiderevolment aktar baxxi mill-prezzijiet lill-Komunità, u għalhekk huwa probabbli li, fin-nuqqas ta' impenji dawn il-prezzijiet lill-Komunità jistgħu jkunu allinjati mal-prezzijiet magħmula għat-tipi li huma l-istess lejn

(1) ĠU L 68, 8.3.2006, p. 6.

pajjiżi terzi. Għalhekk ġie konkluż li l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni ta' Ester lill-Komunità meta l-impenni kienu fis-seħħ ma setgħux jintużaw sabiex jistabbilixxu prezzijiet attendibbli ta' l-esportazzjoni fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, fil-kuntest tar-reviżjoni attwali ta' l-iskadenza. Fid-dawl li Ester kienet qed tbiegħ il-prodott ikkonċernat fi kwantitajiet sostanzjali matul il-PIR fis-suq dinji, ġie deċiż li jiġi stabbilit prezz ta' l-esportazzjoni fuq il-bażi ta' prezzijiet realment imħallsa jew li jistgħu jitħallsu lill-pajjiżi terzi kollha għal dawk il-mudelli li nbiegħu lill-Komunità matul il-parti tal-PIR meta l-impenn kien fis-seħħ. Fil-parti tal-PIR wara l-irtirar ta' l-impenn, il-prezz ta' l-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi ta' prezzijiet realment imħallsa jew li jistgħu jitħallsu lill-Komunità.

#### 2.4. It-Tqabbil

- (42) Il-valur normali u l-prezz għall-esportazzjoni tqabblu fuq bażi ex-fabbrika. Sabiex ikun żgurat tqabbil ġust, saret konċessjoni xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-komparabilità tal-prezzijiet skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, saru aġġustamenti għal differenzi fit-trasport, assikurazzjoni, ġestjoni, tagħbija u spejjeż awżiljari, kummissjonijiet, ippakkjar u kreditu, fejn applikabbli u sostnuti b'evidenza vverifikata.
- (43) Il-produtturi esportaturi ddikjaraw, għal numru żgħir ta' esportazzjonijiet, aġġustament fuq il-prezz ta' l-esportazzjoni skond l-Artikolu 2(10)(k) tar-Regolament bażiku, ibbażat fuq l-ammont ta' benefiċċji li wasal malli saret l-esportazzjoni taħt l-iskema ta' kreditu fuq id-dazji ta' l-importazzjoni (Duty Entitlement Passbook Scheme "DEPB") fuq bażi ta' wara l-esportazzjoni. Taħt din l-iskema, il-kreditu li waslu waqt l-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat setgħu jintużaw sabiex jagħmlu tajjeb għad-dazji doganali dovuti fuq importazzjonijiet ta' kwalunkwe oġġett jew setgħu liberament jinbiegħu lil kumpaniji oħra. Barra minn dan, mhemm l-ebda restrizzjoni li l-oġġetti importati għandhom jintużaw biss fil-produzzjoni tal-prodott esportat. Il-produtturi ma wrewx li l-benefiċċju taħt l-iskema DEPB fuq bażi ta' wara l-esportazzjoni affettwat il-komparabilità tal-prezz u, b'mod partikolari, li l-konsumaturi ħallsu konsistentament prezzijiet differenti fis-suq domestiku minħabba l-benefiċċji tad-DEPB. Għalhekk, id-dikjarazzjoni ġiet rifjutata.

#### 2.5. Il-marġini ta' dumping

- (44) Il-marġini tad-dumping kien stabbilit fuq il-bażi ta' taqbbil ta' valur normali tal-medja bil-piż differenzjat ma' prezz ta' esportazzjoni tal-medja bil-piż differenzjat, skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku. Fejn il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni kienu bbażati fuq prezzijiet ta' pajjiżi terzi, valuri xierqa CIF ġew ikkalkolati billi żdied il-prezz ex-fabbrika lil pajjiżi terzi bid-differenza

tal-medja bil-piż differenzjat, skodn it-tip tal-prodott, bejn il-livell tal-prezzijiet ex-fabbrika u dak CIF lejn il-Komunità.

- (45) It-tqabbil wera marġini tad-dumping fil-medda ta' 15 % sa 25 %. Qed jitfakkar li nstab marġini negattiv tad-dumping għal Jindal (ara s-(26) hawn fuq).

### 3. L-iżvilupp ta' l-importazzjonijiet jekk il-miżuri jiġu rrevokati

L-effett tat-tneħħija tal-miżuri attwali fuq l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping

#### 3.1. Kapaċitjiet mhux użati

- (46) Matul il-PIR, il-kapaċità awżiljari ta' l-esportaturi Indjani kollha magħrufa kienet stmata għal 32 000 tunnellata. Minkejja dan, għandu jiġi nnutat li minn dan it-total, madwar 25 000 tunnellata huma attribwiti lil esportaturi Indjani b'dazju ta' l-antidumping ta' 0 %. Ir-revoka eventwali tal-miżuri ta' l-antidumping probabbli se jkollha impatt insinifikanti fuq il-politika ta' l-esportazzjoni ta' dawn il-kumpaniji. Għalhekk, madwar 7 000 tunnellata biss huma attribwiti lil esportaturi Indjani b'dazju ta' l-antidumping differenti minn 0 %. Il-kapaċità awżiljari imsemmija l-aħħar, li matul il-PIR kienet tirrappreżenta madwar 30 % tal-volum totali ta' importazzjoni tal-prodott ikkonċernat mill-Indja għal ġewwa l-Komunità u 3 % tal-konsum tal-Komunità, tista' tiġi diretta lejn il-Komunità jekk il-miżuri jiġu revokati.

#### 3.2. Inċentivi għar-ridirezzjoni tal-volumi tal-bejgħ lill-Komunità

- (47) Fuq il-bażi ta' taqbbil ta' mudell ma' ieħor, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi ta' esportaturi Indjani li ntgħażlu bħala kampjun b'marġini tad-dumping differenti minn 0 %, matul il-PIR, kienu 20 % sa 30 % anqas mill-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn il-Komunità ta' l-istess produtturi esportaturi. Il-bejgħ ta' dawn iż-żewġ esportaturi lejn pajjiżi terzi saru fi kwantitajiet sinifikanti, li jgħoddu għal 80 %-90 % tal-bejgħ totali tagħhom mill-esportazzjoni. Għalhekk, tqies li l-livell tal-prezz ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi oħra jista' jidher bħala indikatur tal-livell tal-prezz probabbli għall-bejgħ mill-esportazzjoni lejn il-Komunità jekk il-miżuri jiġu revokati.

- (48) Uħud mill-akbar swieq ta' esportazzjoni għat-tertuqa PET fid-dinja huma mħarsa minn tariffi għolja. B'mod partikolari, l-importazzjonijiet tat-teruqa PET mill-Indja lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika huma soġġetti għal dazji ta' l-antidumping li jvarjaw bejn 2,32 % u 24,11 % u dazji kompensatorji li jvarjaw bejn 9 % u 25,27 % skond l-esportatur Indjan ikkonċernat.



3.3. *Konklużjoni*

- (49) Għalhekk qed jiġi konkluż, fid-dawl tal-livelli relattivi tal-prezzijiet, li l-kapaċitajiet awżiljari u l-inċentivi osservati hawn fuq, hemm probabilità: (i) ta' ssuktar ta' dumping, (ii) ta' żieda tal-kwantitajiet esportati lejn il-Komunità, jekk jintemmu l-miżuri ta' l-antidumping li hemm fis-seħħ.

## D.2 ID-DEFINIZZJONI TA' L-INDUSTRIJA TAL-KOMUNITÀ

- (50) Erba' produttori tal-Komunità (Dupont Teijin Films, Mitsubishi Polyester Film GmbH, Nuroll SpA u Toray Plastics Europe) ikkooperaw bis-sħiħ fl-investigazzjoni. Matul il-PIR, huma kienu jirrappreżentaw madwar 95 % tal-produzzjoni tal-Komunità. Għalhekk huma jikkostit-

wixxu l-industrija tal-Komunità fis-sens ta' l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku.

- (51) Huwa nnutat li l-qagħda fir-rigward tal-produzzjoni tal-Komunità tat-tertuqa PET inbidlet minn mindu saret l-investigazzjoni oriġinali. Fil-fatt, Kodak Industrie (Franza) ma għadhiex tipproduċi t-tertuqa PET fil-Komunità u 3M ittrasferiet l-attività tagħha lil I.T.P. SpA, (l-Italja) li qed toltora mill-ġdid l-impjanti tagħha fi produzzjonijiet ġodda u differenti. Għandu jiġi indikat ukoll li, minħabba li r-Repubblika Ċeka, mill-1 ta' Mejju 2004 hija membru ta' l-Unjoni Ewropea, il-kumpanija Fatra a.s. (stabbilita fir-Repubblika Ċeka) hija parti mill-produzzjoni tal-Komunità.

## D.3 IL-QAGĦDA TAS-SUQ TAL-KOMUNITÀ

1. **Il-konsum fis-suq tal-Komunità**

- (52) Id-determinazzjoni tal-konsum totali tal-Komunità kienet ibbażata fuq l-istatistika ta' l-importazzjoni ta' l-Eurostat, il-bejgħ lill-Komunità mill-industrija tal-Komunità u l-bejgħ ta' produttori oħra tal-Komunità.

Tabella 1

Konsum tal-Komunità	2003	2004	2005	PIR (1.7.2005–30.6.2006)
Volum (Tunnellati)	253 890	250 231	251 612	257 177
Indiċi (2003=100)	100	99	99	101

- (53) Meta mqabbel mas-sena 2003, il-konsum matul il-PIR żdied b'1 % (aktar minn 3 000 Tunnellata).

2. **L-importazzjonijiet mill-Indja, il-Brażil u l-Iżrael: volum, is-sehem mis-suq u prezzijiet ta' l-importazzjoni**

- (54) Il-volum ta' l-importazzjonijiet fil-Komunità mill-Indja, żdied b'86 % bejn l-2003 u l-PIR u s-sehem mis-suq tela' minn 5 % għal 9 % filwaqt li l-prezzijiet naqsu bi 12 %. Id-data hija bbażata fuq l-istatistika ta' l-Eurostat.

Tabella 2

Importazzjonijiet mill-Indja	2003	2004	2005	PIR (1.7.2005–30.6.2006)
Volum (Tunnellati)	12 597	15 972	23 912	23 472
Indiċi (2003=100)	100	127	190	186
Sehem mis-suq	5 %	6 %	10 %	9 %
Prezzijiet EUR/Tunnellata	2 005	1 890	1 866	1 755
Indiċi (2003=100)	100	94	93	88

- (55) L-importazzjonijiet mill-Brażil u l-Iżrael li nstabu li kienu qed iwettqu elużjoni kif imsemmi fit-(2) hawn fuq naqsu drastikament wara l-estensjoni ta' dawn l-importazzjonijiet tal-miżuri ta' l-antidumping imposti fuq importazzjonijiet mill-Indja. Il-prezzijiet tat-tertuqa PET li toriġina f'dawn il-pajjiżi telgħu b'219 % wara li ġew imposti l-miżuri ta' kontra l-elużjoni.

Tabella 3

L-importazzjonijiet mill-Brażil u l-Iżrael	2003	2004	2005	PIR (1.7.2005–30.6.2006)
Volum (Tunnellati)	6 855	5 527	271	419
Indiċi (2003=100)	100	91	5	6
Sehem mis-suq	2 %	2 %	0 %	0 %
Prezzijiet EUR/Tunnellata (ċifri ta' l-Eurostat)	1 581	1 741	4 170	3 461
Indiċi (2003=100)	100	110	264	219

- (56) Minkejja dan, għandu jitqies il-fatt li nstab li Jindal ma kinitx qed twettaq dumping fl-investigazzjoni attwali, u li kumpaniji oħra (notevolment Flex Industries Limited u Polyplex Corporation Limited) ma nstabux li kienu qed iwettqu dumping f'investigazzjonijiet li saru qabel. Skond dan, għall-investigazzjoni attwali se jitqiesu biss importazzjonijiet biss li huma l-oġġett ta' dumping mill-Indja u importazzjonijiet li nstabu li kienu qed jeludu. Importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u importazzjonijiet soġġetti għal dazji ta' kontra l-elużjoni naqsu b'70 % bejn l-2003 u l-PIR – ara t-Tabella 4 hawn taħt. It-tnaqqis drastiku ta' dawn l-importazzjonijiet fil-biċċa l-kbira tiegħu, huwa dovut għall-impożizzjoni tal-miżuri ta' kontra l-elużjoni fuq importazzjonijiet mill-Brażil u l-Iżrael.

Tabella 4

Importazzjonijiet mill-India+Brażil+Israel	2003	2004	2005	PIR (1.7.2005–30.6.2006)
Volum (Tunnellati)	10 383	8 881	3 618	2 766
Indiċi (2003= 100)	100	86	35	27
Sehem mis-suq	4 %	4 %	1 %	1 %
Prezzijiet EUR/Tunnellata	1 855	1 852	1 891	1 785

Sors ta' data ta' l-Eurostat u tal-kumpaniji

### 3. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra

- (57) Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra telgħu b'24 % matul il-perjodu meqjus (minn madwar 62 000 Tunnellata fl-2003 għal madwar 77 000 Tunnellata matul il-PIR) u s-sehem mis-suq fil-Komunità li jikkorrispondi ma' dawn l-importazzjonijiet żdiedu b'ħames punti perċentwali (minn 25 % għal 30 %). L-importazzjonijiet ewlenini saru mill-Korea t'Isfel, l-Istati Uniti ta' l-Amerika, it-Tajlandja u l-Emirati Għarab Magħquda. Il-prezz medju għal kull Tunnellata naqas bi 11 % bejn l-2003 u l-PIR. Iċ-ċifri huma bbażati fuq is-data ta' l-Eurostat.

Tabella 5

Il-pajjiż		2003	2004	2005	PIR (1.7.2005–30.6.2006)
Korea t'Isfel	Volum ta' importazzjoni (Tunnellati)	25 895	23 983	22 225	23 878
	Indiċi (2003 = 100)	100	93	86	92
	Sehem mis-suq	10 %	10 %	9 %	9 %
	Prezzijiet EUR/Tunnellata	2 137	2 146	2 239	2 098
L-Istati Uniti ta' l-Amerika	Volum ta' importazzjoni	14 611	18 636	20 544	13 432
	Indiċi (2003 = 100)	100	128	141	92
	Sehem mis-suq	6 %	7 %	8 %	5 %
	Prezzijiet EUR/Tunnellata	7 575	6 067	4 974	6 690
It-Tajlandja	Volum ta' importazzjoni	2 858	6 511	8 647	8 647
	Indiċi (2003=100)	100	228	303	303
	Sehem mis-suq	1 %	3 %	3 %	3 %
	Prezzijiet EUR/Tunnellata	1 742	1 764	1 811	1 758
l-Emirati Għarab Magħquda	Volum ta' importazzjoni (Tunnellati)	1	26	2 478	5 898
	Indiċi (2004 = 100)		100	9 422	22 427
	Sehem mis-suq		0 %	1 %	2 %
	Prezzijiet EUR/Tunnellata		2 872	1 854	1 790
Total Il-Korea t'Isfel, l-Istati Uniti, it-Tajlandja u l-Emirati Għarab Magħquda	Volum ta' importazzjoni (Tunnellati)	43 366	49 157	53 894	51 855
	Indiċi (2003=100)	100	80	100	110
	Sehem mis-suq	17 %	20 %	21 %	20 %
Pajjiżi totali minbarra l-Indja, il-Brażil u l-Iżrael.	Volum ta' importazzjoni (Tunnellati)	62 300	65 683	74 191	77 054
	Indiċi (2003=100)	100	105	119	124
	Sehem mis-suq	25 %	26 %	30 %	30 %
Prezz	Prezz medju bil-piż differenzjat EUR/Tunnellata	3 848	3 756	3 431	3 428
	L-Indiċi	100	98	90	89

#### 4. Il-qagħda ekonomika ta' l-industrija Komunitarja

- (58) Skond l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi u l-indiċi ekonomiċi kollha rilevanti li għandhom piż fuq l-istat ta' l-industrija Komunitarja.

4.1. *Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità*

- (59) Matul il-perjodu meqjus il-kapaċità baqgħet stabbli (madwar 190 000 tunnellata) u l-użu tal-produzzjoni u tal-kapaċità naqset b'4 %.

Tabella 6

	2003	2004	2005	PIR (1.7.2005–30.6.2006)
Produzzjoni f'Tunnellati	176 682	175 465	165 348	168 875
Indiċi (2003=100)	100	99	94	96
Kapaċità f'Tunnellati	190 694	185 863	186 721	189 832
Indiċi (2003=100)	100	97	98	100
L-utilizzazzjoni tal-kapaċità	93 %	94 %	89 %	89 %
Indiċi (2003=100)	100	101	96	96

4.2. *Ħażniet*

- (60) Ħażniet tal-prodott ikkonċernat naqsu bejn l-2003 u l-2004 minn 23 929 tunnellata għal 22 241 tunnellata, żdiedu bi ftit fl-2005 u naqsu għal 21 272 tunnellata matul il-PIR. It-tnaqqis kien fil-biċċa l-kbira dovut għat-tnaqqis fil-produzzjoni

Tabella 7

Inventarji	2003	2004	2005	PIR (1.7.2005–30.6.2006)
Tunnellati	23 929	22 241	23 209	21 272
Indiċi (2003=100)	100	93	97	89

4.3. *Volum tal-bejgħ lil konsumaturi mhux relatati fil-Komunità u sehem mis-suq*

- (61) Il-volum mibjugħ mill-industrija tal-Komunità lil konsumaturi mhux relatati fis-suq tal-Komunità naqas b'5 % bejn l-2003 u l-2005 minn 142 755 Tunnellata għal 135 956 Tunnellata, żdied bi ftit bejn l-2005 u l-PIR iżda laħaq bl-eżatt 98 % tal-livell tal-bejgħ fl-2003. Bejgħ lil kumpaniji relatati kienu negliġibbli (huma kienu jifirxu bejn 200 u 300 Tunnellata kull sena tal-perjodu meqjus). Barra minn dan, is-sehem mis-suq ta' l-industrija tal-Komunità naqas b'2 punti ta' perċentwali bejn l-2003 u l-PIR.

Tabella 8

	2003	2004	2005	PIR (1.7.2005–30.6.2006)
Volum ta' bejgħ Tunnellati	142 755	144 282	135 956	139 212
Indiċi (2003=100)	100	101	95	98
Sehem mis-suq f'konsum totali	56 %	58 %	54 %	54 %

4.4. *Prezzijiet tal-bejgħ u spejjeż*

- (62) Il-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-unità naqsu bi 2 % matul il-perjodu meqjus (minn 2 891 EUR/Tunnellata fl-2003 għal 2 819 EUR/Tunnellata matul il-PIR) kif ukoll l-ispiża medja għal kull Tunnellata li nbidlet minn 3 216 EUR/Tunnellata fl-2003 għal 3 137 EUR/Tunnellata matul il-PIR. It-tnaqqis fl-ispejjeż seħħ minkejja l-fatt li l-ispiża medja tal-biċċa l-kbira tal-materja prima (minħabba li għolew il-prezzijiet taż-żejt) żdiedet sostanzjalment. Dawn iċ-ċifri juru li, sabiex jiġi evitat li jintilef wisq mis-sehem tas-suq, l-industrija tal-Komunità ma kinitx f'pożizzjoni li tkopri kompletament l-ispiża tal-produzzjoni bil-prezzijiet tagħha tal-bejgħ.

Tabella 9

	2003	2004	2005	PIR (1.7.2005–30.6.2006)
Prezz medju bil-piż differenzjat (EUR/Tunnellata)	2 891	2 865	2 929	2 819
Indiċi	100	99	101	98
Prezz medju bil-piż differenzjat (EUR/Tunnellata)	3 216	3 112	3 152	3 137
Indiċi (2003=100)	100	97	98	98

4.5. *Tkabbir*

- (63) Matul il-perjodu meqjus, l-industrija tal-Komunità tilfet sehem mis-suq f'suq li qiegħed jikber bi ftit.

4.6. *Impjiegi, produttività u pagi*

- (64) Il-livell ta' impjieg mill-industrija tal-Komunità naqas bi 13 % bejn l-2003 u l-PIR. Minkejja li l-paga medja għal kull impjegat żdiedet b'5 %, twestaq sforz ta' razzjonalizzazzjoni u l-produttività għal kull impjegat żdiedet b'9 %. Għalhekk il-livell ta' l-ispejjeż għal kull Tunnellata prodotta naqsu b'4 %.

Tabella 10

	2003	2004	2005	PIR (1.7.2005–30.6.2006)
Xogħol	2 263	2 112	2 027	1 978
Indiċi (2003=100)	100	93	90	87
Produttività (Tunnellati għal kull impjegat)	78	83	82	85
Indiċi (2003=100)	100	106	104	109
Pagi f' 000 EUR	138 876	132 916	129 098	127 375
Indiċi (2003=100)	100	96	93	92
Paga medja għal kull impjegat	61 362	62 922	63 669	64 407
Indiċi (2003=100)	100	103	104	105
Pagi għal kull Tunnellata prodotta	786	758	781	754
Indiċi (2003=100)	100	96	99	96

4.7. *Profittabilità u Dħul mill-Investimenti*

- (65) Il-profittabilità fuq il-bejgħ tirrappreżenta l-profitt iġġenerat mill-bejgħ tal-prodott ikkonċernat fil-Komunità. Id-dħul mill-investment ġie kkalkolat fuq il-bażi ta' dħul mill-assi totali.
- (66) Il-profittabilità u d-dħul mill-investment fuq il-bejgħ tal-prodott ikkonċernat lil konsumaturi mhux relatati fil-Komunità baqgħu negattivi matul il-perjodu sħiħ ikkonċernat, minkejja titjib żgħir fl-2004 u l-2005. Matul il-PIR, kemm il-profittabilità kif ukoll id-dħul mill-investment kienu partikolarment baxxi (il-profittabilità – 11 % u d-dħul mill-investment – 3.1 %) wara li kienu waqgħu mill-ġdid fl-2005.

Tabella 11

	2003	2004	2005	PIR (1.7.2005–30.6.2006)
Il-profittabilità	– 11,20 %	– 8,60 %	– 7,60 %	– 11,30 %
Indiċi (2003=100)	– 100	– 77	– 68	– 101
Redditu fuq l-investment	– 2,60 %	– 2,10 %	– 1,90 %	– 3,10 %
Indiċi (2003=100)	– 100	– 81	– 75	– 118

4.8. *Il-likwidità*

- (67) Ix-xejra għal-likwidità ddeterjorat b'mod partikolari matul il-PIR.

Tabella 12

	2003	2004	2005	PIR (1.7.2005–30.6.2006)
Likwidità f' 000 EUR	35 305	34 690	21 980	15 128
Indiċi (2003=100)	100	98	62	43

4.9. *Investimenti u l-kapaċità li jinkiseb il-kapital*

Tabella 13

	2003	2004	2005	PIR (1.7.2005–30.6.2006)
Investimenti f' 000 EUR	21 745	18 131	16 772	17 724
Indiċi (2003=100)	100	83	77	82

- (68) Bejn l-2003 u l-PIR, l-investimenti għall-produzzjoni tat-tertuqa PET naqsu bi 18 %. Matul il-PIR, il-valur ta' l-investimenti żdied b'6 % meta mqabbel mal-qagħda fl-2005 iżda meta mqabbel ma' l-2003, baqa' flivell aktar baxx. Matul l-investigazzjoni nstab li l-investimenti saru fil-biċċa l-kbira tagħhom sabiex itejbu l-kwalità tal-prodott u sabiex jippreservaw l-istess kapaċità ta' produzzjoni.
- (69) Il-livell baxx ta' investimenti huwa spjegat fil-biċċa l-kbira tiegħu mill-fatt li kumpaniji prinċipali ta' l-industrija tal-Komunità ma dehrux interessati li jinvestu jew jagħtu garanziji għal investimenti f'attivitajiet mhux bi profitt bħal pereżempju l-produzzjoni tat-tertuqa PET fl-Ewropa.

4.10. *Daqs tal-marġini tad-dumping u rkupru mill-effetti tad-dumping ta' l-imgħoddi*

- (70) L-analiżi fir-rigward tal-kobor tad-dumping trid tqis il-fatt li hemm miżuri fis-seħħ sabiex jeliminaw id-dumping li jagħmel ħsara. Kif indikat hawn fuq, it-tagħrif disponibbli jindika li wieħed mill-produtturi esportaturi għadu jbiegħ lill-Komunità bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Minkejja li l-marġini tad-dumping li nstab huwa sinifikanti, l-impatt tiegħu fuq il-qagħda ta' l-industrija tal-Komunità matul il-PIR ma kienx sinifikanti fid-dawl li s-sehem mis-suq ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Indja u importazzjonijiet li nstabu li kienu qed jeludu kienu jikkostitwixxu 1 % tal-konsum totali tal-Komunità. Jindal ċertament ikkontribwiet għall-aggravar tal-qagħda ta' l-industrija tal-Komunità. Minkejja dan, għandu jitqies ukoll, anki jekk importazzjonijiet minn Jindal jiġu esklużi mill-analiżi, li l-industrija tal-Komunità ma kinitx se tkun kapaċi tirkupra mid-dumping passat wara l-impożizzjoni tal-miżuri ta' l-anti-dumping fl-2001, minħabba elużjoni (li kontriha l-miżuri ttieħdu biss fl-aħħar ta' l-2004) u l-inadattezza ta' l-impenji li ġew irrevokati biss is-sena l-oħra. Ma għandu jintnesa li qabel l-impożizzjoni tad-dazji ta' kontra l-elużjoni u r-revoka ta' l-impenji l-livell ta' importazzjonijiet minn kumpaniji Indjani li nstabu li kienu qed iwettqu dumping kien iktar minn tliet darbiet ogħla matul il-PIR.

**5. Konklużjoni dwar il-qagħda fis-suq tal-Komunità**

- (71) Il-volum ta' tertuqa tal-PET li huwa kkonsmat fis-suq tal-Komunità espanda b'1 %, filwaqt li l-volum tal-bejgħ mill-industrija tal-Komunità naqas bi 2 %.
- (72) Il-qagħda ekonomika fl-industrija tal-Komunità marret lura fir-rigward tal-biċċa l-kbira tal-fatturi tal-ħsara: produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni u użu tal-kapaċità (- 4 %), volum tal-bejgħ (- 2 %) u valur (- 5 %), sehem mis-suq (- 2 punti perċentwali), likwidità u profittabilità, attività ta' l-investment u dħul mill-investment.
- (73) L-isforzi ta' ristrutturar li saru mill-industrija tal-Komunità f'termini ta' impjeg, tnaqqis ta' l-ispejjeż u ż-żieda fil-produttività għal kull impjegat ma setgħux iservu ta' kontrabilanċ għall-impatt taż-żieda tal-prezzijiet tal-materja prima matul il-perjodu meqjus. L-ispiża tal-produzzjoni kienet ogħla mill-prezz tal-bejgħ. Dan kollu ħabat mal-livell baxx ta' prezz ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Indja u pajjiżi oħra li nstabu li kienu qed jeludu. Minkejja dan, huwa nnutat li l-pressjoni tal-prezz fuq l-industrija tal-Komunità kienet ikkawżata parzjalment mill-importazzjonijiet minn Jindal, li instabet li ma kinitx qed twestaq dumping matul il-PIR,

li kienet tgħodd għal madwar 90 % ta' l-importazzjonijiet totali tat-tertuqa PET mill-Indja.

- (74) Wara li jiġi kkunsidrat dan ta' hawn fuq, il-qagħda ta' l-industrija tal-Komunità għadha prekarja u kull żieda ta' l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping probabbli li tiggrava din il-qagħda.

**D.4 PROBABILITÀ TA' TKOMPLIJA JEW RIKORRENZA TA' ĦSARA**

- (75) Kif iddikjarat qabel, il-qagħda ta' l-industrija tal-Komunità għadha prekarja. Għandu jkun hemm żieda sinifikanti ta' l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping kieku kellhom jitneħħew il-miżuri ta' l-antidumping. Kif indikat qabel fis-(46), l-esportaturi Indjani soġġetti għal dazju ta' l-antidumping għandhom il-potenzjal li jżidu l-volumi ta' l-esportazzjoni sa punt sinifikanti u, kif indikat fit-(48) uħud mill-akbar swieq ta' esportazzjoni għat-tertuqa PET fid-dinja huma protetti minn tariffi għolja, b'mod partikolari, is-suq tat-tertuqa PET fl-Istati Uniti ta' l-Amerika.
- (76) Fin-nuqqas ta' dazji ta' l-antidumping, importazzjonijiet Indjani li huma l-oġġett ta' dumping jistgħu jeżerċitaw pressjoni sinifikanti ta' prezz fis-suq tal-Komunità. Għalhekk, hemm indikazzjoni ċara għal probabilità ta' rikorrenza ta' ħsara.
- (77) B'kunsiderazzjoni għal dan ta' hawn fuq, jekk l-industrija tal-Komunità kellha tkun esposta għal volumi miżjuda ta' importazzjonijiet mill-Indja fi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping, dan jikkawża deterjorazzjoni ulterjuri tal-qagħda finanzjarja. Għalhekk, fuq din il-bażi, il-konklużjoni hija li r-revoka tal-miżuri kontra l-Indja, fil-probabilità kollha, se tirriżulta f'rikorrenza tal-ħsara lill-industrija tal-Komunità.

**D.5 L-INTERESS TAL-KOMUNITÀ**

- (78) Skond l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk il-preservazzjoni tal-miżuri attwali ta' l-antidumping tmurx kontra l-interess tal-Komunità bħala entità sħiħa.
- (79) Skond l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk id-determinazzjoni ta' l-interess tal-Komunità kienx ibbażat fuq approvazzjoni ta' l-interessi kollha involuti, jiġifieri ta' l-industrija tal-Komunità, l-importaturi u l-utenti tal-prodott ikkonċernat.

- (80) Għandu jinfakkar li, fl-investigazzjoni oriġinali, l-adozzjoni ta' miżuri tqieset li ma kinitx kontra l-interess tal-Komunità. Barra minn dan, il-fatt li l-investigazzjoni attwali hija reviżjoni, u għalhekk analiżi tal-qagħda li fiha l-miżuri ta' l-antidumping huma diġà fis-seħħ, jippermetti il-valutazzjoni ta' kull impatt eċċessiv negattiv fuq il-partijiet ikkonċernati mill-miżuri attwali ta' l-antidumping.
- (81) Fuq din il-bażi, ġie eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabilità ta' rikorrenza ta' dumping ta' ħsara, kinux jeżistu raġunijiet kompulsivi li jistgħu jwasslu għall-konklużjoni li mhux fl-interess tal-Komunità li l-miżuri f'dan il-każ partikolari ikunu ppreservati.
- (82) Sabiex tivverifika l-impatt probabbli ta' l-impożizzjoni jew in-nuqqas ta' impożizzjoni ta' miżuri ntalab tagħrif mill-partijiet interessati kollha li jew kienu magħrufin li huma kkonċernati jew li għamlu lihom infushom magħrufa. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni baġtet kwestjonarji lill-industrija tal-Komunità, disa' importaturi mhux relatati u 23 utent. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkuntattjat ukoll lill-produtturi l-oħra kollha magħrufa tal-Komunità li ma tawx it-tagħrif li mitlub għall-kooperazzjoni fl-investigazzjoni sabiex jinkiseb it-tagħrif bażiku dwar il-produzzjoni u l-bejgħ tagħhom.

### 1. Impatt fuq l-industrija tal-Komunità

- (83) Qed jinfakkar li l-industrija ta-Komunità għadha f'qagħda vulnerabbli kif stipulat fil-(58) sa (74).
- (84) It-tkomplija tal-miżuri hi mistennija li tfaffi tagħwiġ fis-suq u trażżin fil-prezzijiet. Il-miżuri għandhom jippermettu lill-industrija tal-Komunità sabiex għall-inqas tippreserva l-bejgħ tagħha u tgawdi mill-ekonomiji ta' l-iskala.
- (85) Inkella, jekk jintemmu l-miżuri ta' l-antidumping, x'aktarx li x-xejra negattiva tal-qagħda finanzjarja ta' l-industrija tal-Komunità tissokta jekk ma tmurx għall-aġar. L-industrija Komunitarja hi mmarkata b'mod partikolari minn nuqqas ta' dħul minħabba l-prezzijiet imnaqqa u sehem mis-suq li qiegħed jiċkien.
- (86) Skond dan, it-tkomplija tal-miżuri ta' l-antidumping għandha tkun fl-interess ta' l-industrija tal-Komunità.

### 2. Impatt fuq l-importaturi u l-utenti

- (87) Importatur/utent wieħed u erba' utenti biss ikkooperaw ma' l-investigazzjoni u taw tweġibiet sħaħ. Huma jirrap-

preżentaw 16.3 % tal-konsum totali tal-Komunità ta' tertuqa PET u indikaw li, l-prolongazzjoni tad-dazji ta' l-antidumping ma għandu jkollhom l-ebda impatt maġġuri fuq il-kumpaniji tagħhom.

### 3. Konklużjoni dwar l-interess tal-Komunità

- (88) Meta jitqiesu l-fatturi kollha ta' hawn fuq, huwa konkluż li l-impożizzjoni tal-miżuri ma għandhiex tħalli effett negattiv sinifikanti, jekk fil-fatt tħalli effett tali, fuq il-qagħda ta' l-utenti u l-importaturi tal-prodott ikkonċernat.
- (89) Fuq din il-bażi, qed jiġi konkluż li mhemm l-ebda raġuni perswassiva li minħabba fiha ma għandhomx jitkoplew il-miżuri ta' l-antidumping fuq il-bażi ta' l-interess tal-Komunità.

### E. MIŻURI TA' L-ANTIDUMPING

- (90) Il-partijiet kollha kienu informati bil-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom hemm l-intenzjoni li tiġi rakkomandata l-preservazzjoni tal-miżuri attwali. Huma ngħataw ukoll perjodu biex jagħmlu rappreżentazzjonijiet sussegwenti din l-espożizzjoni.
- (91) Fuq il-bażi tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, huwa konkluż li, skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, ir-reviżjoni parzjali *interim* limitata għal Jindal għandha tintemm u għandu jiġi ppreservat id-dazju ta' l-antidumping ta' 0 % fl-investigazzjoni oriġinali fuq importazzjonijiet tat-tertuqa PET prodotta u esportata lill-Komunità Ewropea minn Jindal
- (92) Fir-rigward tar-reviżjoni ta' l-iskadenza, kif prevista fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku u fuq il-bażi tas-sejbiet ta' hawn fuq, il-miżuri ta' l-antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet tat-tertuqa PET mill-Indja għandhom jiġu ppreservati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Ir-reviżjoni parzjali *interim* tal-miżuri ta' antidumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li joriġinaw, *inter alia*, fl-Indja, normalment iddikjarati taħt il-kodiċi NM ex 3920 62 19 u ex 3920 62 90, safejn dawn il-miżuri jikkonċernaw il-produttur esportatur Indjan Jindal Poly Films Limited, hija permezz ta' dan mitmuma.



## Artikolu 2

1. Dazju definittiv ta' antidumping qiegħed permezz ta' dan jiġi impost fuq l-importazzjoni ta' tertuqa tat-tereftalat tal-poli-etilene (PET) li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 3920 62 19 (kodiċi TARIC 3920 62 19 03, 3920 62 19 06, 3920 62 19 09, 3920 62 19 13, 3920 62 19 16, 3920 62 19 19, 3920 62 19 23, 3920 62 19 26, 3920 62 19 29, 3920 62 19 33, 3920 62 19 36, 3920 62 19 39, 3920 62 19 43, 3920 62 19 46, 3920 62 19 49, 3920 62 19 53, 3920 62 19 56, 3920 62 19 59, 3920 62 19 63, 3920 62 19 69, 3920 62 19 76, 3920 62 19 78 and 3920 62 19 94) u ex 3920 62 90 (kodiċi TARIC 3920 62 90 33 u 3920 62 90 94), li joriġinaw fl-Indja.

2. Ir-rata ta' dazju definittiv ta' l-antidumping applikabbli għall-prezz nett, bla has fil-fruntiera tal-Komunità, qabel id-dazju, tal-prodotti manifatturati mill-kumpaniji elenkati hawn għandha tkun kif ġej:

Kumpanija	Dazju Definittiv (%)	Kodiċi Addizzjonali TARIC
Ester Industries Limited 75-76, Amrit Nagar, Behind South Extension Part-1, New Delhi 110 003, L-Indja	17,3	A026
Flex Industries Limited A-1, Sector 60, Noida 201 301, (U.P.), L-Indja	0,0	A027
Garware Polyester Limited Garware House, 50-A, Swami Nityanand Marg, Vile Parle (East), Mumbai 400 057, L-Indja	6,8	A028
Jindal Poly Films Limited 56 Hanuman Road, New Delhi 110 001, India	0,0	A030
MTZ Polyfilms Limited New India Centre, 5th floor, 17 Co-operage Road, Mumbai 400 039, L-Indja	18,0	A031
Polyplex Corporation Limited B-37, Sector-1, Noida 201 301, Dist. Gautam Budh Nagar, Uttar Pradesh, L-Indja	0,0	A032
SRF Limited Express Building 9-10 Bahadur Shah Zarf Marg New Delhi 110 002 L-Indja	3,5	A753
Il-kumpaniji l-oħra kollha	17,3	A999

## 3. Fejn xi parti tipprovdi biżżejjed evidenza lill-Kummissjoni

— li ma esportatx l-oġġetti deskritti fil-Paragrafu 1 matul il-perjodi mill-1 ta' April 1999 sal-31 ta' Marzu 2000 u mill-1 ta' Lulju 2005 sat-30 ta' Ġunju 2006,

— li mhijiex relatata ma' l-ebda esportatur jew produttur soġġett għall-miżuri imposti bir-Regolament (KE) Nru 366/2006, u

— li esportat l-oġġetti kkonċernati wara l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2005 sat-30 ta' Ġunju 2006, jew li daħlet f'obbligju kuntrattwali irrevokabbli sabiex tesporta kwantità sinifikanti lejn il-Komunità,

allura l-Kunsill, filwaqt li jaġixxi permezz ta' maġġoranza sempliċi fuq proposta mressqa mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, jista' jemenda l-Paragrafu 2 billi jżid dik il-parti mal-lista ta' kumpaniji soġġetti għal miżuri ta' l-antidumping kif tidher fit-tabella fil-Paragrafu 2, bid-dazju defenittiv ikun ir-rata tal-medja bil-piż differenzjat ta' 3,5 %.

4. Id-dazju definittiv residwali ta' l-antidumping applikabbli għal importazzjonijiet mill-Indja, kif stipulat fil-paragrafu 2, huwa permezz ta' dan ta' hawnhekk estiż għal importazzjonijiet ta' l-istess tertuqa tat-tereftalat tal-poli-etilene kkunsinnjata mill-Brażil u kkunsinnjata mill-Iżrael (kemm jekk iddikjarata u kemm jekk mhux iddikjarata bħala li toriġina fil-Brażil jew fl-Iżrael) (kodiċi TARIC 3920 62 19 01, 3920 62 19 04, 3920 62 19 07, 3920 62 19 11, 3920 62 19 14, 3920 62 19 17, 3920 62 19 21, 3920 62 19 24, 3920 62 19 27, 3920 62 19 31, 3920 62 19 34, 3920 62 19 37, 3920 62 19 41, 3920 62 19 44, 3920 62 19 47, 3920 62 19 51, 3920 62 19 54, 3920 62 19 57, 3920 62 19 61, 3920 62 19 67, 3920 62 19 74, 3920 62 19 77, 3920 62 19 92, 3920 62 90 31, 3920 62 90 92) bl-eċċezzjoni ta' daww prodotti minn:

Terphane Ltda BR 101, km 101, City ta' Cabo de Santo Agostinho, L-Istat ta' Pernambuco, il-Brażil (kodiċi addizzjonali TARIC A569);

Jolybar Filmtechnic Converting Ltd (1987), Hacharutsim str. 7, Ind. Park Siim 2000, Natania South, 42504, POB 8380, l-Iżrael (kodiċi addizzjonali TARIC A570);

Hanita Coatings Rural Cooperative Association Ltd., Kibbutz Hanita, 22885, l-Iżrael (kodiċi addizzjonali TARIC A691).

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 30 ta' Ottubru 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. NUNES CORREIA

---

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1293/2007

tat-30 ta' Ottubru 2007

li tirrevoka d-dazji ta' antidumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1050/2002 dwar importazzjonijiet ta' compact disks li wieħed jista' jirrekordja fuqhom li joriġinaw fit-Tajwan u li jippermetti r-rifużjoni jew ir-remissjoni tagħhom kif ukoll li jirrevoka d-dazji kompensatorji imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 960/2003 dwar importazzjonijiet ta' compact disks li jistgħu jkunu rrekordjati li joriġinaw mill-Indja, li jippermetti r-rifużjoni jew ir-remissjoni tagħhom u li jtemm il-proċediment li jirrigwardahom

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea <sup>(1)</sup> ("ir-Regolament bażiku ta' l-antidumping"), u b' mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet issussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku ta' kontra s-sussidju"), <sup>(2)</sup> u b' mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

## A. PROĊEDURA

## 1. Il-miżuri fis-seħħ u soġġetti għal reviżjoni

- (1) Dazji definittivi ta' l-antidumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' compact disks li jistgħu jkunu rrekordjati li joriġinaw fit-Tajwan ġew imposti fit-18 ta' Ġunju 2002 bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1050/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jimponi dazju definittiv ta' anti-dumping u li jiġbor b' mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' compact disks li wieħed jista' jirrekordja fuqhom li joriġinaw mit-Tajwan <sup>(3)</sup> ("il-proċediment oriġinali ta' l-antidumping"). Huma kienu jifirxu minn 17,7 % sa 38,5 %. Dawn il-miżuri skadew ipso iure fit-18 ta' Ġunju 2007 bi qbil ma' l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-iskadenza ta' ċerti miżuri ta' antidumping <sup>(4)</sup>.
- (2) Dazji definittivi kompensatorji fuq importazzjonijiet ta' compact disks li wieħed jista' jirrekordja fuqhom ("CD-

Rs") li joriġinaw mill-Indja ġew imposti fil-5 ta' Ġunju 2003 bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 960/2003 tat-2 ta' Ġunju 2003 li jimponi dazju definittiv kompensatorju fuq importazzjonijiet ta' compact disks li wieħed jista' jirrekordja fuqhom li joriġinaw mill-Indja <sup>(5)</sup>. Huma kienu jammontaw għal 7,3 %.

## 2. Investigazzjonijiet preċedenti li jikkonċernaw importazzjonijiet ta' CD-Rs mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, minn Hong Kong u l-Malażja

- (3) Permezz tad-Deċiżjoni 2006/753/KE <sup>(6)</sup>, il-Kummissjoni temmet proċediment ta' l-antidumping fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' CD-Rs li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ"), Hong Kong u l-Malażja fuq bażi ta' nuqqas ta' interess tal-Komunità fl-impożizzjoni ta' miżuri ("Id-Deċiżjoni ta' terminazzjoni"). Ġie konkluż li minħabba s-sehem żgħir mis-suq li għandha l-industrija tal-Komunità ma kinitx probabbli li se tikseb xi benefiċċji sinifikanti mill-impożizzjoni tal-miżuri. Għalhekk l-impożizzjoni tal-miżuri tqieset bħala sproporzjonata fid-dawl ta' l-effetti negattivi sostanzjali fuq importaturi, distributori, sidien tal-ħwienet u konsumaturi

## 3. L-inizjazzjoni tar-reviżjoni

- (4) L-inizjazzjoni ta' reviżjoni parzjali *interim* tal-miżuri ta' l-antidumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' compact disks li jistgħu jiġu rrekordjati li joriġinaw fit-Tajwan u ta' reviżjoni parzjali *interim* tal-miżuri kompensatorji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' compact disks li jistgħu jiġu rrekordjati li joriġinaw fl-Indja tħabret fit-22 ta' Marzu 2007 fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ("l-avviż ta' inizjazzjoni") <sup>(7)</sup>.
- (5) Ir-reviżjonijiet, li ġew inizjati fuq inizjattiva proprja tal-Kummissjoni, kienu limitati t-tnejn fl-ambitu għall-eżaminazzjoni ta' l-interess tal-Komunità, bid-deċiżjoni dwarha possibilmment b'effett retroattiv sa mill-5 ta' Novembru 2006, jiġifieri d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' terminazzjoni. Bl-għan ta' effiċjenza proċedurali, ir-reviżjonijiet kemm ta' dazji applikabbli ta' l-antidumping għal importazzjonijiet ta' CD-Rs mit-Tajwan kif ukoll ta' dazji kompensatorji applikabbli għal importazzjonijiet ta' CD-Rs mill-Indja ġew ikkombinati f'investigazzjoni waħda.

<sup>(1)</sup> ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

<sup>(2)</sup> ĠU L 288, 21.10.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

<sup>(3)</sup> ĠU L 160, 18.6.2002, p. 2.

<sup>(4)</sup> ĠU C 130, 12.6.2007, p. 17.

<sup>(5)</sup> ĠU L 138, 5.6.2003, p. 1.

<sup>(6)</sup> Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/753/KE tat-3 ta' Novembru 2006 li ttemm il-proċediment ta' anti-dumping rigward importazzjonijiet ta' compact disks li wieħed jista' jirrekordja fuqhom li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ"), il-Hong Kong u l-Malażja (ĠU L 305, 4.11.2006, p. 15).

<sup>(7)</sup> ĠU C 66, 22.3.2007, p. 16.

- (6) Kif imsemmi hawn fuq, il-miżuri ta' l-antidumping imposti fuq importazzjonijiet li joriġinaw fit-Tajwan skadew fit-18 ta' Ġunju 2007. Bħala konsegwenza, ir-reviżjoni li għandha x'taqsam mat-Tajwan twaqqfet milli titkompla. Minkejja dan, hija twettqet formalment sa dik id-data u l-Kummissjoni notevolment qieset il-kwistjoni ta' revoka retroattiva ta' dazji mħallsa bejn il-5 ta' Novembru 2006 u t-18 ta' Ġunju 2007.
- (7) Minħabba l-ħtieġa għal effiċjenza proċedurali u sabiex tiżgura konsistenza globali ta' l-azzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni kkombinat il-konklużjonijiet taż-żewġ reviżjonijiet fir-Regolament attwali.

#### 4. Il-partijiet ikkonċernati mill-proċediment

- (8) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment kemm lill-produtturi, importaturi u l-utenti tal-Komunità kif ukoll lill-esportaturi u lir-rappreżentanti ta' l-Indja u t-Tajwan dwar l-inizjazzjoni tal-proċediment. Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità sabiex jagħtu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u sabiex jitolbu seduta fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-avviż ta' l-inizjazzjoni. Minħabba l-fatt li r-reviżjonijiet kienu limitati għall-aspetti ta' l-interess tal-Komunità, il-Kummissjoni stiednet biss partijiet li jinsabu fil-Komunità, il-produtturi, l-importaturi u l-utenti tal-Komunità sabiex jimlew il-kwestjonarji. Tweġibiet għall-kwestjonarji waslu mingħand produttur wieħed, 14-il importatur, u 10 utenti.
- (9) Il-Kummissjoni rċeviet ukoll ittra mill-Kumitat tal-Manifatturi Ewropej ta' CD-Rs ("CECMA") li kien jirrappreżenta l-kwerelant fil-proċedimenti oriġinali ta' l-antidumping u ta' kontra s-sussidju u fil-proċedimenti konklużi permezz tad-Deċiżjoni ta' terminazzjoni – kif ukoll ittra mill-ex rappreżentant tal-Kumpanija D fid-Deċiżjoni ta' terminazzjoni.
- (10) Apparti dan, is-servizzi tal-Kummissjoni rċewew preżentazzjonijiet minn partijiet oħra interessati notevolment minn distributuri u fornituri ta' esportatur Indjan.
- (11) Is-servizzi tal-Kummissjoni analizzaw kif xieraq il-preżentazzjonijiet u l-argumenti kollha li tressqu mill-partijiet interessati. Minkejja dan, fid-dawl ta' l-istat tal-produzzjoni tal-Komunità, il-konklużjonijiet tar-reviżjoni attwali għandhom ikunu limitati għall-identifikazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità.

#### 5. Il-perjodu ta' l-investigazzjoni

- (12) L-investigazzjoni ta' aspetti ta' interess tal-Komunità kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006 ("il-perjodu ta' l-investigazzjoni" jew "PI"). L-eżaminazzjoni tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni ta' l-interess tal-Komunità kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2003 sat-tmiem tal-perijodu ta' l-investigazzjoni ("il-perjodu meqjus").

#### 6. Il-prodott ikkonċernat u prodott simili

##### 6.1. Prodott ikkonċernat

- (13) Il-prodott taħt reviżjoni huwa compact disks li jistgħu jiġu rrekordjati (CD-Rs) li joriġinaw mill-Indja ("il-prodott ikkonċernat"), li bħalissa klassifikabbli fi ħdan il-kodiċi NM ex 8523 40 11. Din il-kodiċi NM qed tingħata biss bħala tagħrif.
- (14) L-istess prodott li joriġina fit-Tajwan kien taħt reviżjoni bejn it-22 ta' Marzu 2007 meta l-avviż ta' inizjazzjoni kien ippubblikat u t-18 ta' Ġunju 2007 meta d-dazji ta' l-antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' CD-Rs mit-Tajwan skadew.

- (15) Il-prodott ikkonċernat huwa diska tal-polikarbonat, miksija b'saff ta' żebgħa, saff ta' materjal li jirrifletti u saff protettiv. Minkejja li rrekordjar fuq diski bħal dawn jista' jsir f'diversi fażijiet, it-tagħrif irrekordjat ma jistax jitħassar. Id-diska hija strument ta' ħażna ottika għal data jew ħoss diġitali.

- (16) Is-CD-Rs jistgħu jiġu differenzjati skond it-tip ta' data maħżuna (CD-Rs tad-data meta mqabbla ma' CD-Rs tal-mużika), il-volum tal-ħażna, is-saffa tal-metall li jirrifletti u skond jekk is-CD-Rs għandhomx stampar fuqhom jew le. It-tipi kollha ta' CD-Rs għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi u jintużaw għall-istess għanijiet. Għalhekk meqjusa li jikkostitwixxu prodott uniku wieħed.

##### 6.2. Prodott Simili

- (17) Fil-qafas tal-proċedimenti attwali ma saru l-ebda kummenti li sfidaw il-komparabilità ta' CD-Rs importati lejn il-Komunità jew prodotti fiha. Fuq din il-bażi t-tipi kollha ta' CD-Rs li joriġinaw fl-Indja jew it-Tajwan u li huma prodotti fil-Komunità huma meqjusa bħala simili fis-sens ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku ta' l-antidumping u l-Artikolu 1(5) tar-Regolament bażiku ta' kontra s-sussidju.

#### B. PRODUZZJONI TAL-KOMUNITÀ U INDUSTRIJA TAL-KOMUNITÀ

##### 1. Il-produzzjoni tal-Komunità u l-industrija tal-Komunità fil-proċedimenti konklużi mid-Deċiżjoni ta' terminazzjoni

- (18) F'dawn il-proċedimenti (ara l-premessa 28, u 58 *et seq.* tad-Deċiżjoni ta' terminazzjoni), is-servizzi tal-Kummissjoni stabbilew li l-produzzjoni tal-Komunità fis-sens ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku kienet ikkostitwita minn 10 produtturi. Wieħed minnhom biss tqies li jikkostitwixxi l-industrija tal-Komunità fis-sens ta' l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku ta' l-antidumping (Manufacturing Advanced Media ("MAM-E").

## 2. Il-produzzjoni tal-Komunità u l-industrija tal-Komunità fil-proċedimenti attwali

- (19) L-ebda produttur li tqies li jikkostitwixxi l-produzzjoni tal-Komunità fid-Deċiżjoni ta' terminazzjoni ma kkoopera fil-proċediment attwali.
- (20) Barra minn dan, il-Kummissjoni rċeviet evidenza li l-unika kumpanija li tikkostitwixxi l-industrija tal-Komunità fil-proċediment li wassal għad-Deċiżjoni ta' terminazzjoni għaddiet mill-proċedimenti ta' xoljiment. Dan kien ikkonfermat fl-ittra mibgħuta mill-ex rappreżentant tagħha. Il-Kummissjoni rċeviet ukoll kopja ta' deċiżjoni tal-qorti li tat bidu għall-proċedimenti ta' likwidazzjoni, li permezz tagħha ntemmu l-attivitajiet tal-kumpanija. Il-kwestjonarju mibgħut mill-Kummissjoni ntbagħat lura bl-annotazzjoni – "liquidation judiciaire".
- (21) Barra minn dan, għalkemm CECMA stqarr li huwa jappoġġja l-impożizzjoni ssuktata ta' miżuri, ma ppreżenta l-ebda kwestjonarju jew evidenza fisem ebda produttur tal-Komunità – membru ta' l-assoċjazzjoni.
- (22) Kumpanija oħra (il-Kumpanija A, kif identifikata fid-Deċiżjoni ta' terminazzjoni) għarrfet lill-Kummissjoni li hija temmet il-produzzjoni fil-Komunità.
- (23) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni rċeviet ukoll tweġiba mill-Kumpanija B (kif identifikata fid-Deċiżjoni ta' terminazzjoni). L-ebda evidenza ma ġiet ippreżentata li tista' tikkontradixxi s-sejbiet stipulati fid-Deċiżjoni ta' terminazzjoni, jiġifieri li l-kumpanija B ma għandhiex tiġi inkluża fid-definizzjoni ta' l-industrija tal-Komunità u li l-produzzjoni tagħha għandha tiġi eskluża mid-definizzjoni tal-produzzjoni tal-Komunità (ara l-premessa 40 tad-Deċiżjoni ta' terminazzjoni).
- (24) Fuq din il-bażi qed jiġi konkluż li ma fadal l-ebda industrija tal-Komunità, u konsegwentement l-ebda interess tal-Komunità.

### Ċ. APPLIKAZZJONI RETROATTIVA

- (25) Fid-dawl tas-sejbiet ta' hawn fuq, il-miżuri ta' l-antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' CD-Rs li jori-

ginaw mit-Tajwan u l-miżuri kompensatorji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' CD-Rs li joriġinaw fl-Indja għandhom jiġu revokati b'effett retroattiv għad-data meta daħlet fis-seħħ id-Deċiżjoni ta' terminazzjoni.

- (26) Konsegwentement, id-dazji definittivi ta' l-antidumping li tħallsu jew li ddaħlu bħala entrati fil-kontijiet skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1050/2002 dwar importazzjonijiet ta' CD-Rs li joriġinaw mit-Tajwan u d-dazji kompensatorji definittivi mħallsa jew li ddaħħlu bħala entrati fil-kontijiet skond ir-Regolament (KE) Nru 960/2003 dwar importazzjonijiet ta' CD-Rs li joriġinaw mill-Indja, u rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa sa mill-5 ta' Novembru 2006 għandhom jiġi rifiżi jew rimessi.
- (27) Ir-rifużjoni jew ir-remissjoni għandha tiġi rikjesta mill-awtoritajiet doganali nazzjonali skond il-leġislazzjoni doganali applikabbli.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Id-dazji ta' l-antidumping fuq importazzjonijiet ta' compact disks li wieħed jista' jirrekordja fuqhom (CD-Rs) li joriġinaw mit-Tajwan imposti permezz tar-Regolament (KE) Nru 1050/2002 u d-dazji kompensatorji fuq importazzjonijiet compact disks li wieħed jista' jirrekordja fuqhom (CD-Rs) li joriġinaw mill-Indja imposti permezz tar-Regolament (KE) Nru 960/2003 huma permezz ta' dan irrevokati.

#### Artikolu 2

Il-proċedimenti ta' kontra s-sussidju li jikkonċernaw importazzjonijiet ta' compact disks li wieħed jista' jirrekordja fuqhom (CD-Rs) li joriġinaw mill-Indja jintemmu permezz ta' dan.

#### Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 1 għandu japplika mill-5 ta' Novembru 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 30 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

F. NUNES CORREIA

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1294/2007****tal-5 ta' Novembru 2007****li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 ta' l-21 ta' Diċembru 1994 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 3223/94 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

- (2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3223/94 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-6 ta' Novembru 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Novembru 2007.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 756/2007 (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 41).

## ANNEX

tar-Regolament ta' l-Kummissjoni tal-5 ta' Novembru 2007 li jstabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur fiss ta' l-importazzjoni
0702 00 00	MA	71,8
	MK	52,6
	TR	85,1
	ZZ	69,8
0707 00 05	JO	186,1
	MA	47,1
	MK	70,4
	TR	110,4
	ZZ	103,5
0709 90 70	MA	79,0
	TR	89,3
	ZZ	84,2
0805 20 10	MA	94,2
	ZZ	94,2
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	HR	39,1
	TR	84,1
	UY	70,4
	ZZ	64,5
0805 50 10	AR	84,0
	TR	92,3
	ZA	55,0
	ZZ	77,1
0806 10 10	BR	249,1
	TR	123,4
	US	252,9
	ZZ	208,5
0808 10 80	AR	81,9
	AU	183,7
	CA	105,4
	CL	86,0
	MK	20,2
	NZ	45,9
	US	98,9
	ZA	92,9
ZZ	89,4	
0808 20 50	AR	49,4
	CN	76,2
	TR	117,3
	ZZ	81,0

<sup>(1)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1295/2007

tal-5 ta' Novembru 2007

li jagħmel l-importazzjonijiet ta' ċertu frott taċ-ċitru ppreparat jew ippriżervat (jiġifieri l-mandolin, eċċ.) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina suġġetti għal reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġetti ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ir-Regolament bażiku) <sup>(1)</sup> u b' mod partikolari l-Artikoli 10(4) u 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

Il-Kummissjoni rċeviet talba, skond l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, biex tagħmel l-importazzjonijiet ta' ċertu frott taċ-ċitru ppreparat jew ippriżervat (jiġifieri l-mandolin, eċċ.) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina suġġetti għal reġistrazzjoni.

#### A. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT

- (1) Il-prodott ikkonċernat minn din ir-reġistrazzjoni huwa mandolin ippreparat jew ippriżervat (inklużi l-varjetajiet *tangerines* u *satsumas*), klementini, *wilkins* u ibridi taċ-ċitru simili oħrajn, mingħajr spirti miżjuda, sew jekk miżjuda biz-zokkor jew sustanza oħra ta' ħlewwa, sew jekk le, u kif definit taħt l-intestatura NM 2008, li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (il-prodott ikkonċernat), normalment iddikjarat fi ħdan il-kodiċi NM 2008 30 55, 2008 30 75 u ex 2008 30 90.

#### B. TALBA

- (2) Wara li rċeviet ilment mingħand il-Federazzjoni Nazzjonali Spanjola ta' l-Assoċjazzjonijiet tal-Frott u l-Ħaxix Ipproċessat (FNACV) (minn hawn 'il quddiem "l-applikant"), il-Kummissjoni ddeterminat li hemm biżżejjed

evidenza biex tiġġustifika l-bidu ta' proċediment u għalhekk, b'konformità ma' l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, ħabbret permezz ta' avviż fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* (l-"Avviż ta' Bidu") il-bidu ta' proċediment anti-dumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' frott taċ-ċitru ppreparat jew ippriżervat (jiġifieri l-mandolin, eċċ.) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina <sup>(2)</sup>.

- (3) L-applikant jitlob ukoll li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat isiru suġġetti għal reġistrazzjoni skond l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku ħalli l-miżuri jkunu jistgħu jiġu sussegwentement applikati fuq dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' dik ir-reġistrazzjoni.

#### Ċ. IL-MIŻURI EŻISTENTI

- (4) Il-prodott ikkonċernat huwa attwalment suġġett ħafna għal miżuri ta' ħarsien definittivi imposti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 658/2004 <sup>(3)</sup>. Dawn il-miżuri se jiskadu fit-8 ta' Novembru 2007.

#### D. IL-BAŻIJET GħAR-REĠISTRAZZJONI

- (5) Skond l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Bażiku, ma jstgħux jiġu imposti miżuri provviżorji qabel 60 jum mill-bidu. Madankollu, skond l-Artikolu 10(4) tar-Regolament Bażiku, dazju definittiv anti-dumping jista' jiġi intaxxat fuq prodotti li jkunu ddaħħlu għall-konsum mhux iktar minn 90 jum qabel id-data ta' l-applikazzjoni tal-miżuri provviżorji, sakemm il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu jiġu sodisfatti, u l-importazzjonijiet ikunu ġew irreġistrati skond b'konformità ma' l-Artikolu 14(5). Skond l-Artikolu 14(5) tar-Regolament Bażiku, il-Kummissjoni tista', wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, titlob lill-awtoritajiet tad-dwana jieħdu l-passi meħtieġa għar-reġistrazzjoni ta' l-importazzjonijiet, ħalli l-miżuri jkunu jistgħu jiġu sussegwentement applikati fuq dawk l-importazzjonijiet mid-data ta' dik ir-reġistrazzjoni. L-importazzjonijiet jistgħu jsiru suġġetti għal reġistrazzjoni wara talba mill-industrija Komunitarja li jkun fiha biżżejjed evidenza biex din l-azzjoni tiġi ġġustifikata.

- (6) It-talba fiha biżżejjed evidenza biex ir-reġistrazzjoni tkun iġġustifikata. Dan huwa appoġġjat iktar minn evidenza minn sorsi oħrajn.

<sup>(1)</sup> ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1 Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

<sup>(2)</sup> ĠU C 246, 20.10.2007, p. 15.

<sup>(3)</sup> ĠU L 104, 8.4.2004, p. 67.



- (7) Fir-rigward tad-dumping il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza *prima facie* li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina qegħdin jiġu ddampjati, u li l-esportaturi jeżerċitaw id-dumping. L-ilment anti-dumping u t-talba għal reġistrazzjoni fihom evidenza fir-rigward ta' prezzijiet ta' esportazzjoni marbuta ma' l-istaġun 2006/2007. Dan huwa appoġġjat iktar minn tagħrif li ħareġ minn *data* ta' l-Eurostat u minn bosta offeriti jew stqarrijiet ta' prezzijiet ta' esportazzjoni li ħarġu minn għadd ta' sorsi u indirizzati lil għadd ta' importaturi. L-evidenza rigward il-valur normali, li tinsab fl-ilment anti-dumping u t-talba għal reġistrazzjoni, f'dan l-istadju u suġġetta għal aktar *data* li tista' ssir disponibbli matul l-investigazzjoni, fiha *data* dettaljata li tikkonċerna l-prezzijiet domestiċi u l-ispejjeż tal-produzzjoni mill-produtturi kollha jew kważi, f'pajjiż analogu. F'dan l-istadju, din id-*data*, aġġustata sew għal spejjeż stmati ta' trasport u spejjeż oħrajn, tidher li għandha x'taqsam ma' l-istess prodott u żmien u l-istess livell ta' kummerċ, u għalhekk tidher li hija komprabbli ħafna. Fuq kollox, u meta jitqies l-estent tal-marġini ta' dumping allegat, din l-evidenza tipprovdi biżżejjed appoġġ f'dan l-istadju li l-esportaturi meqjusa jeżerċitaw id-dumping.
- (8) Fir-rigward tal-ħsara, il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza *prima facie* li l-prattiki ta' dumping ta' l-esportaturi qed joħolqu ħsara jew kieku joħolqu ħsara. Din l-evidenza fiha *data* dettaljata, li tinsab fl-ilment anti-dumping u t-talba għar-reġistrazzjoni u appoġġjati minn tagħrif minn sorsi oħrajn, li jikkonċernaw il-fatturi ewlenin ta' ħsara stabbiliti fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament Bażiku. Barra minn hekk, l-evidenza marbuta ma' l-investigazzjoni ta' ħarsien ta' qabel tappoġġja l-fehma li, mingħajr il-miżura ta' ħarsien, il-volum ta' l-importazzjonijiet jiżdiedu b'mod sinifikanti, u li l-industrija Komunitarja tbat iktar ħsara.
- (9) Il-Kummissjoni għandha wkoll għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza *prima facie*, fl-ilment anti-dumping u t-talba għar-reġistrazzjoni u appoġġjata minn tagħrif minn sorsi oħrajn, li l-importaturi kienu jafu, jew misshom kienu jafu, li l-esportaturi jeżerċitaw dumping dannuż jew li x'aktarx ikun dannuż lill-industrija Komunitarja. Ġie ppubblikat avviż li jibda investigazzjoni f'dumping allegatament dannuż. Barra minn hekk, bosta artikli fl-istampa speċjalizzata matul żmien estiż jissuġġerixxu li l-industrija Komunitarja tista' tbat ħsara minħabba importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi miċ-Ċina. Fl-aħħar nett, meta jitqies l-estent tad-dumping li jidher li jista' jkun qed jiġri, ikun raġjonevoli li jiġi konkluż li l-importaturi jkunu jafu, jew imisshom ikunu jafu, bis-sitwazzjoni.
- (10) Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza *prima facie* li ħsara bħal din qiegħda ssir jew issir minn importazzjonijiet iddampjati fi kwantità fi żmien relattivament qasir li fid-dawl taż-żmien u l-volum ta' l-importazzjonijiet iddampjati u ċirkostanzi oħrajn (bħal ħolqien malajr ta' inventarji) x'aktarx li jimmina serjament l-effett ta' rimedju ta' kwalunkwe dazji definittivi anti-dumping, sakemm dawn id-dazji ma jiġux applikati retroattivament. Din l-evidenza, li tinsab fl-ilment anti-dumping u t-talba għar-reġistrazzjoni u appoġġjata minn tagħrif minn sorsi oħrajn, fiha tagħrif dwar in-natura tal-prodott, inkluż in-natura funġibbli u staġonali tiegħu, u l-fatt li jitqiegħed fil-laned u jista' jinħażen faċilment għal perjodi estensivi, u ttrasportat faċilment. Dan jagħmel possibbli wkoll il-ħolqien malajr ta' inventarji. Barra minn hekk, l-evidenza mill-investigazzjoni ta' ħarsien tikkonferma l-fehma li, fin-nuqqas ta' kwalunkwe miżura, il-volum ta' l-importazzjonijiet ikun għal darba oħra probabbli li jiżdied drammatikament. Dan hu partikolarment minnu, minħabba li l-iskadenza tal-miżura ta' ħarsien taħbat ma' f'it qabel il-bidu ta' l-istaġun tat-tqegħid fil-laned.
- (11) Minħabba f'hekk, il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni f'dan il-każ ġew sodisfatti.

#### E. IL-PROCĊEDURA

- (12) Fid-dawl ta' li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-talba ta' l-applikant fiha biżżejjed evidenza biex l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat isiru suġġetti għal reġistrazzjoni, b'konformità ma' l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.
- (13) Il-partijiet interessati kollha huma b'dan mistiedna jippreżentaw l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jipprovdu evidenza ta' sostenn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' partijiet interessati, sakemm dawn jagħmlu talba bil-miktub u juru li jeżistu raġunijiet partikolari għalix għandhom jinstemgħu.

#### F. IR-REĠISTRAZZJONI

- (14) Skond l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat għandhom isiru suġġetti għal reġistrazzjoni sabiex jiġi żgurat li, jekk l-investigazzjoni tirriżulta f'sebiet li jwasslu għall-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping, daww id-dazji, ikunu jistgħu, jekk l-kundizzjonijiet neċessarji jiġu ssodisfatti, jiġu intaxxati retroattivament skond id-dispożizzjonijiet ġuridiċi applikabbli.

- (15) Kull responsabilità għall-ġejjieni tiġi mis-sejbiet ta' l-investigazzjoni anti-dumping. L-allegazzjonijiet fl-ilment li jitlob il-bidu ta' investigazzjoni jaqbżu l-50 % għad-dumping u t-30 % għad-danni.

#### Ġ. L-IPPROĊESSAR TA' DATA PERSONALI

- (16) Kull *data* personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tkun ittrattata skond ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tat-18 ta' Diċembru 2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-*data* <sup>(1)</sup>,

xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' mandolin ippreparat jew ippreżervat (inklużi l-varjetajiet *tangerines* u *satsumas*), klementini, *wilkins* u ibridi taċ-ċitru simili oħrajn, mingħajr spirti miżjuda, sew jekk miżjuda biz-zokkor jew sustanza oħra ta' ħlewwa, sew jekk le, u kif definit taħt l-intestatura NM 2008, li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2008 30 55, 2008 30 75 u ex 2008 30 90 (kodiċi TARIC 2008 30 90 61, 2008 30 90 63, 2008 30 90 65, 2008 30 90 67 u 2008 30 90 69). Ir-reġistrazzjoni tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Il-partijiet interessati kollha huma mistiedna jippreżentaw l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jipprovdu evidenza ta' sostenn jew li jitolbu li jinstemgħu fi żmien 20 jum mid-data ta' pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

L-awtoritajiet tad-Dwana huma b'dan diretti, skond l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (KE) Nru 384/96, biex jieħdu l-passi

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-9 ta' Novembru 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Novembru 2007.

Għall-Kummissjoni  
Peter MANDELSON  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1296/2007****tal-5 ta' Novembru 2007****li jistabbilixxi projbizzjoni fuq is-sajd għall-merluzz fi Skagerrak minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Iżvezja**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Waqt li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Waqt li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 41/2007 tal-21 ta' Diċembru 2006 jistabbilixxi għall-2007 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom għal-ċerti ħażniet (stokkijiet) ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità, u għal bastimenti Komunitarji, filmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid <sup>(3)</sup>, jistabbilixxi l-kwoti għall-2007.
- (2) Skond l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdiet ta' l-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membru msemmi hemmhekk, jew li huma rreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Novembru 2007.

- (3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu fuq il-bastimenti, it-trażbord u l-ħatt tiegħu l-art jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1****Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata għall-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2007 titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

**Artikolu 2****Projbizzjonijiet**

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membru msemmi hemmhekk jew li huma rreġistrati fih għandu jiġi pprojbit mid-data stipulata f'dak l-Anness. Għandu jkun ipprojbit li t-tali stokk maqbud minn dawk il-bastimenti wara dik id-data jinżamm fuq il-bastimenti, jiġi ttrażbordat jew jinħatt l-art.

**Artikolu 3****Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada ta' meta jiġi ppublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għall-Kummissjoni

Fokion FOTIADIS

Direttur Ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi

<sup>(1)</sup> ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 865/2007 (ĠU L 192, 24.7.2007, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11); kif ikkoreġuta fil-ĠU L 36, 8.2.2007, p. 6.

<sup>(3)</sup> ĠU L 15, 20.1.2007, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 898/2007 (ĠU L 196, 28.7.2007, p. 22).

## ANNEX

Nru	66
Stat Membru	L-Iżvezja
Stokk	COD/03AN.
Speċi	Il-Merluzz ( <i>Gadus morhua</i> )
Żona	Skagerrak
Data	22.10.2007

## DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2007/60/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-23 ta' Ottubru 2007

dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji ta' l-għargħar

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(1)</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat <sup>(2)</sup>,

Billi:

- (1) L-għargħar jista' jwassal għall-mewt, għaċ-ċaqliq ta' persuni u għal ħsara lill-ambjent, jista' jikkomprometti bil-kbir l-iżvilupp ekonomiku u jhedded l-attivitajiet ekonomiċi tal-Komunità.
- (2) L-għargħar huwa fenomenu naturali li ma jstax ikun evitat. Madankollu, xi attivitajiet tal-bniedem (bħaż-żieda ta' l-irħula u tal-beni ekonomiċi fil-pjanuri ta l-għargħar u t-tnaqqis fil-livell ta l-ilma minħabba l-użu ta' l-art) u l-bidla fil-klima jikkontribwixxu għaż-żieda fil-possibbiltà ta' għargħar u fl-impatti negattivi ta' l-għargħar.
- (3) Huwa possibbli u mixtieq li jitnaqqas ir-riskju ta' konsewgenzi negattivi marbuta ma' l-għargħar, speċjalment għal saħħet il-bniedem u l-ħajja tiegħu, għall-ambjent, il-wirt kulturali, l-attività ekonomika u għall-infrastruttura assoċjata ma' l-għargħar. Madankollu, il-miżuri biex jitnaqqsu dawn ir-riskji għandhom, safejn huwa possibbli, ikunu kkoordinati tul il-baċin kollu tax-xmara sabiex ikunu effettivi.

- (4) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għall-azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma <sup>(3)</sup> teżiġi li jkun hemm pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmajjar li jridu jiġu żviluppati għal kull distrett tal-baċin ta' xmara sabiex jinkiseb stat ekoloġiku u kimiku tajjeb, u se tikkontribwixxi biex jittaffew l-effetti ta' l-għargħar. Madankollu t-tnaqqis tar-riskju ta' għargħar mhuwiex wieħed mill-għanijiet prinċipali ta' dik id-Direttiva u din lanqas ma tqis il-bidliet futuri fir-riskju ta' għargħar b'riżultat tal-bidla fil-klima.
- (5) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Lulju 2004 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "L-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar; il-prevenzjoni, il-protezzjoni u t-tnaqqis ta' l-għargħar" tistabbilixxi l-analiżi u l-istrateġija tagħha biex ikunu mmaniġġgati r-riskji ta' l-għargħar fuq livell Komunitarju, u tiddikjara li azzjoni kkonċertata u kkoordinata fuq livell Komunitarju għgħib valur miżjud konsiderevoli u ttejjeb il-livell ġenerali ta' protezzjoni mill-għargħar.
- (6) Minbarra l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, l-prevenzjoni u tnaqqis effettivi ta' l-għargħar jeħtieġu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. Dan huwa konformi mad-Direttiva 2000/60/KE u mal-prinċipji internazzjonali ta' l-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar kif żviluppati notevolment taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-protezzjoni u l-użu ta' korsiji ta' l-ilma li jaqsmu l-fruntieri u l-għadajjar internazzjonali, approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/308/KE <sup>(4)</sup> u kwalunkwe ftehim sussegwenti dwar l-applikazzjoni tagħha.
- (7) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom tat-23 ta' Ottubru 2001 li tistabbilixxi mekkaniżmu Komunitarju biex tiffaċilita l-kooperazzjoni rinforzata fl-interventi ta' assistenza tal-protezzjoni ċivili <sup>(5)</sup> timmobilizza l-appoġġ u l-assistenza mill-Istati Membri f'każ ta' emerġenzi kbar, inkluż l-għargħar. Il-protezzjoni ċivili tista' tipprovdi rispons adegwat għall-popolazzjonijiet affettwati u ttejjeb l-istat ta' preparazzjoni u ta' l-irkupru.

<sup>(1)</sup> ĠU C 195, 18.8.2006, p. 37.

<sup>(2)</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2006 (ĠU C 300 E, 9.12.2006, p. 123), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2006 (ĠU C 311 E, 19.12.2006, p. 10) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' April 2007. Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2007.

<sup>(3)</sup> ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1. Direttiva kif emendata mid-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE (ĠU L 331, 15.12.2001, p. 1).

<sup>(4)</sup> ĠU L 186, 5.8.1995, p. 42.

<sup>(5)</sup> ĠU L 297, 15.11.2001, p. 7.

- (8) Taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabilixxi l-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>, huwa possibbli li tingħata għajnuna finanzjarja immedjata f'każ ta' diżastru kbir biex ikunu meġhuna n-nies, iż-żoni naturali, ir-reġjuni u l-pajjiżi kkonċernati biex jerġa' jkollhom kondizzjonijiet li jkunu kemm jista' jkun normali. Madanakollu l-Fond jista' jintervjeni biss f'operazzjonijiet ta' emerġenza u mhux f'dawk il-fażijiet li jippreċedu emerġenza.
- (9) Meta jiżviluppaw politika li jirriferu għall-użu ta' l-ilma u ta' l-art, l-Istati Membri u l-Komunità għandhom jikkunsidraw l-impatti potenzjali li tali politiki jafu jkollhom fuq ir-riskji ta' għargħar u l-immaniġġjar tar-riskji ta' għargħar.
- (10) Fil-Komunità kollha jseħħu tipi differenti ta' għargħar, bħalma huma l-għargħar tax-xmajjar, l-għargħar għal għarrieda, l-għargħar urban, u l-għargħar mill-baħar f'żoni kostali. Il-ħsara kkawżata mill-għargħar tista' tvarja wkoll minn naħa għal oħra tal-pajjiżi u tar-reġjuni tal-Komunità. Għalhekk, l-oġġettivi li jikkonċernaw l-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar għandhom ikunu determinati mill-Istati Membri infushom u għandhom ikunu bbażati fuq iċ-ċirkostanzi lokali u reġjonali.
- (11) Ir-riskji ta' l-għargħar f'ċerti żoni tal-Komunità jistgħu jitqiesu bħala mhux sinifikanti, per eżempju f'żoni fejn hemm ftit nies jew xejn jew f'żoni b'assi ekonomiċi jew b'valur ekoloġiku limitat. F'kull distrett ta' baċin ta' xmara jew unità ta' maniġġjar għandhom jiġu valutati r-riskji ta' l-għargħar u l-ħtieġa għal aktar azzjoni – bħall-evalwazzjoni tal-potenzjal li jittaffew l-għargħar – għandhom jiġu evalwati.
- (12) Biex ikun hemm għodda effettiva ta' informazzjoni, kif ukoll bħala bażi importanti biex ikunu stabbiliti l-prijoritajiet kif ukoll id-deċiżjonijiet tekniċi, finanzjarji u politiki oħrajn rigward l-imaniġġjar tar-riskju ta' għargħar huwa meħtieġ li jkunu stabbiliti mapep tar-riskju ta' għargħar u mapep tar-riskju ta' għargħar li juru l-konsegwenzi negattivi potenzjali b'xenarji differenti ta' għargħar inkluż informazzjoni dwar sorsi potenzjali ta' tniġġis ambjentali b'konsegwenza ta' l-għargħar. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jergħu jevalwaw attivitajiet li għandhom l-effett li jżidu r-riskji ta' l-għargħar.
- (13) Bil-ħsieb li jkunu evitati u jitnaqqsu l-impatti negattivi ta' l-għargħar fiż-żona kkonċernata, ikun xieraq li jkun hemm pjanijiet ta' mmaniġġjar tar-riskju ta' għargħar. Il-kawżi u l-konsegwenzi ta' l-għargħar ivarjaw skond il-pajjiżi u r-reġjuni tal-Komunità. Il-pjanijiet ta' mmaniġġjar tar-riskju ta' għargħar għalhekk għandhom iqisu l-karatteristiċi partikolari taż-żoni li jkopru u jipprovdu għal soluzzjonijiet maħsubin apposta skond il-ħtiġiet u l-prijoritajiet ta' dawk iż-żoni, filwaqt li jiżguraw koordinazzjoni rilevanti fid-distretti tal-baċin tax-xmara, u jippromovwu t-tweqqif ta' oġġettivi ambjentali stipulati fil-leġiżlazzjoni Komunitarja. B'mod partikulari, l-Istati Membri għandhom iżommu lura milli jieħdu miżuri jew iwettqu azzjonijiet li jżidu b'mod sinifikattiv ir-riskju ta' l-għargħar fi Stati Membri oħrajn, sakemm dawn il-miżuri ġew ikkoordinati u nstabet soluzzjoni miftiehma bejn l-Istati Membri kkonċernati.
- (14) Il-pjanijiet ta' mmaniġġjar tar-riskju ta' għargħar għandhom jiffukaw fuq il-prevenzjoni, il-protezzjoni u l-istat ta' thejġija. Bil-għan li x-xmajjar jingħataw iktar spazju, għandhom jikkunsidraw fejn possibbli l-manutenzjoni u/jew ir-restawr tal-panuri ta' l-għargħar, kif ukoll miżuri sabiem ikun evitat jew imnaqqas il-ħsara lis-saħħa tal-bniedem, l-ambjent, il-wirt kulturali u l-attività ekonomika. L-elementi tal-pjanijiet ta' mmaniġġjar tar-riskju ta' għargħar għandhom ikunu riveduti perjodikament u aġġornati jekk meħtieġ, billi jkunu kkunsidrati l-impatti probabbli tal-bidla fil-klima fuq il-fatt li jseħħ l-għargħar.
- (15) Il-prinċipju ta' solidarjetà huwa importanti ħafna fil-kuntest ta' l-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar. Fid-dawl tiegħu l-Istati Membri għandhom jiġu inkoraġġiti jfittxu t-tqassim ġust ta' responsabbiltajiet, meta miżuri jiġu deċiżi konġuntament għall-benefiċċju komuni, rigward l-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar tul il-korsiji ta' l-ilma.
- (16) Biex ikun evitat l-irduppar tax-xogħol l-Istati Membri għandhom ikunu intitolati jużaw il-valutazzjonijiet preliminari eżistenti tar-riskju ta' għargħar, il-mapep ta' periklu u riskju ta' għargħar u l-pjanijiet ta' mmaniġġjar tar-riskju ta' għargħar biex jintlaħqu l-għanijiet u jiġu sodisfatti l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.
- (17) L-iżvilupp ta' pjanijiet ta' maniġġjar ta' baċin ta' xmara taħt id-Direttiva 2000/60/KE u ta' pjanijiet ta' mmaniġġjar tar-riskju ta' għargħar taħt din id-Direttiva huma elementi ta' mmaniġġjar integrat ta' baċin ta' xmara. Għalhekk iż-żewġ proċessi għandhom jużaw il-potenzjal reċiproku għal sinerġiji u benefiċċji komuni, billi jikkunsidraw l-oġġettivi ambjentali tad-Direttiva 2000/60/KE, jiżguraw effiċjenza u użu għaqli ta' riżorsi filwaqt li jirrikonoxxu li l-awtoritajiet kompetenti u l-unitajiet ta' mmaniġġjar jistgħu jkunu differenti f'din id-Direttiva u fid-Direttiva 2000/60/KE.
- (18) L-Istati Membri għandhom jibbażaw l-evalwazzjonijiet, il-mapep u l-pjanijiet tagħhom fuq "l-aħjar Prattika" u "l-aħjar teknoloġiji disponibbli" adatti, li ma jwasslux għal spejjeż eċċessivi fil-qasam ta' l-immaniġġjar tar-riskju ta' għargħar.

<sup>(1)</sup> ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

(19) F'każijiet fejn l-ilmijiet jintużaw għal forom differenti ta' attivitajiet sostenibbli mill-bniedem (eż. għall-immaniġġar tar-riskju ta' għargħar, għall-ekoloġija, għan-navigazzjoni fl-ilmijiet interni jew għall-enerġija idro-elettrika) u minħabba l-impatti ta' dan l-użu fuq il-korpi ta' l-ilma, id-Direttiva 2000/60/KE tippovdi għal proċess ċar u trasparenti biex ikun indirizzat dan l-użu u l-impatti, inklużi l-eżenzjonijiet possibbli mill-oġettivi ta' "stat tajjeb" jew ta' "non-deterjorazzjoni" li hemm fl-Artikolu 4 tagħha. Id-Direttiva 2000/60/KE tippovdi għall-irkupru ta' l-ispejjeż fl-Artikolu 9.

(20) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni <sup>(1)</sup>.

(21) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadatta l-Anness għall-progress xjentifiku u tekniku. Peress li dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, huma għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(22) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, din tfittex li tippromwovi l-integrazzjoni fil-linji politiċi Komunitarji ta' livell għoli ta' protezzjoni ambjentali skond il-prinċipju ta' l-iżvilupp sostenibbli kif stabbilit fl-Artikolu 37 tagħha.

(23) Peress illi l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tistabbilixxi qafas għal miżuri biex jitnaqqsu r-riskji tal-ħsara mill-għargħar ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u jista' minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni jintlaħaq aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipji tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f' dak l-Artikolu din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ għall-kisba ta' dak il-għan.

(24) Skond il-prinċipji ta' proporzjonalità u sussidjarjetà u l-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità meħmuż mat-Trattat, u fid-dawl tal-kapaċitajiet eżistenti ta' l-Istati Membri, għandha titħalla flessibilità konsiderevoli lil-livelli lokali u reġjonali, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-organizzazzjoni u fir-rigward tar-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet.

(25) Skond il-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet <sup>(2)</sup>, l-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu, għalihom infushom u fl-interess Komunitarju, it-tabelli tagħhom li juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni u jagħmluhom pubbliċi.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

## KAPITOLU I

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

#### Artikolu 1

Il-fini ta' din id-Direttiva hu li jiġi stabbilit qafas għall-valutazzjoni u l-immaniġġar tar-riskji ta' għargħar, bil-għan li jitnaqqsu l-konsegwenzi negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, l-ambjent, il-wirt kulturali u l-attività ekonomika assoċjata ma' l-għargħar fil-Komunità.

#### Artikolu 2

Għall-fini ta' din id-Direttiva, flimkien mad-definizzjonijiet ta' "xmara", "baċin tax-xmara", "sotto baċin" u "distrett ta' baċin tax-xmara" kif stabbilit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/60/KE, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "għargħar" tfisser meta art li normalment ma titgħattix bl-ilma, titgħatta temporanjament bl-ilma. Dan għandu jinkludi l-għargħar minn xmajjar, turrenti tal-muntanji, mogħdijiet ta' l-ilma effimeri Mediterranji, u għargħar mill-baħar fiż-żoni kostali, u jista' jeskludi l-għargħar mis-sistemi tad-dranaġġ;
2. "riskju ta' għargħar" tfisser it-taħlita tal-probabbiltà ta' każ ta' għargħar u tal-konsegwenzi negattivi potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, l-ambjent, il-wirt kulturali u l-attività ekonomika assoċjata ma' każ ta' għargħar.

#### Artikolu 3

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mill-arranġamenti magħmulin taħt l-Artikoli 3(1), (2), (3), (5) u (6) tad-Direttiva 2000/60/KE.

2. Madankollu, għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu:

- (a) jaħtru awtoritajiet kompetenti differenti minn dawk identifikati skond l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2000/60/KE;
- (b) jidentifikaw ċerti żoni kostali jew baċini ta' xmajjar individwali u jassenjawhom lil unità ta' maniġġar differenti minn dawk assenjati skond l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2000/60/KE.

<sup>(1)</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

<sup>(2)</sup> ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom sas-26 ta' Mejju 2010, jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2000/60/KE. Għal dan il-fini, kull referenza għal awtoritajiet kompetenti u distretti ta' baċin tax-xmara għandha titqies bħala referenza għall-awtoritajiet kompetenti u għall-unità ta' maniġġar imsemmija f' dan l-Artikolu. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'kull tibdil fl-informazzjoni pprovduta skond dan il-paragrafu fi żmien tliet xhur minn meta l-bidla tiegħu effett.

## KAPITOLU II

### VALUTAZZJONI PRELIMINARI TAR-RISKJU TA' GĦARGĦAR

#### Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom, għal kull distrett ta' baċin tax-xmara jew unità ta' maniġġar imsemmija fl-Artikolu 3(2)(b) jew il-parti ta' baċin tax-xmara internazzjonali li tinsab fit-territorju tagħhom, jagħmlu valutazzjoni preliminari tar-riskju ta' għar-għar skond il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Għandha ssir valutazzjoni preliminari tar-riskju ta' għar-għar, ibbażata fuq informazzjoni disponibbli jew faċilment derivabbli, bħal reġistri u studji dwar żviluppi fuq medda ta' żmien twila, b'mod partikulari l-impatti tal-bidla fil-klima fuq l-okkorrenza ta' l-għar-għar, biex tipprovi valutazzjoni ta' riskji potenzjali. Il-valutazzjoni għandha tinkludi ta' l-inqas dan li ġej:

(a) mapep tad-distrett ta' baċin tax-xmara bi skala adatta inklużi l-konfini tal-baċini tax-xmara, tas-sotto-baċini u fejn jeżistu taż-żoni kostali, li juru t-topografija u l-użu ta' l-art;

(b) deskrizzjoni ta' l-għar-għar li seħħew fl-imgħoddi u li kellhom impatti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem, l-ambjent, il-wirt kulturali u li għalihom il-possibbiltà ta' każijiet simili fil-ġejjieni għadha rilevanti, inkluż il-firxa ta' l-għar-għar u r-rotot ta' mogħdija tagħhom u valutazzjoni ta' l-impatti negattivi li ġabu magħhom;

(c) deskrizzjoni ta' l-għar-għar sinifikanti, li seħħew fl-imgħoddi, fejn jistgħu jiġu previsti konsegwenzi negattivi sinifikanti ta' avvenimenti futuri simili;

u, skond il-ħtiġijiet speċifiċi ta' l-Istati Membri, din għandha tinkludi:

(d) valutazzjoni tal-konsegwenzi negattivi potenzjali ta' għar-għar futuri għas-saħħa tal-bniedem, l-ambjent, il-wirt kulturali u l-attività ekonomika, b'kont meħud kemm jista' jkun ta' kwistjonijiet possibbli bħat-topografija, il-pożizzjoni tal-mogħdijiet ta' l-ilma u l-inklużi l-pjanuri ta' l-għar-għar bħala żoni naturali għaż-żamma ta' l-ilma, l-effettività ta' infrastrutturi eżistenti magħmula mill-bniedem għad-difiża mill-għar-għar, il-pożizzjoni taż-żoni fejn jgħixu n-nies, iż-żoni ta' attività ekonomika u żviluppi fuq perijodu fit-tul inklużi l-impatti tal-bidla fil-klima fuq l-okkorrenza ta' għar-

għar.karakteristiċi idroloġiċi u ġeomorfoloġiċi ġenerali tagħhom.

3. Fil-każ ta' distretti ta' baċini tax-xmara internazzjonali, jew unitajiet ta' maniġġar imsemmija fl-Artikolu 3(2)(b) li huma komuni ma' Stati Membri oħrajn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jseħħ skambju ta' informazzjoni rilevanti bejn l-awtoritajiet kompetenti konċernati.

4. L-Istati Membri għandhom ilestu il-valutazzjoni preliminari tar-riskju ta' għar-għar sat-22 ta' Diċembru 2011.

#### Artikolu 5

1. Abbażi tal-valutazzjoni preliminari tar-riskju ta' għar-għar imsemmija fl-Artikolu 4, l-Istati Membri għandhom, għal kull distrett ta' baċin tax-xmara jew unità ta' maniġġar imsemmija fl-Artikolu 3(2)(b) jew il-parti ta' distrett ta' baċin tax-xmara internazzjonali li jinsab fit-territorju tagħhom jidentifikaw dawk iż-żoni li għalihom l-Istati Membri jikkonkludu li hemm riskji potenzjali sinifikanti jew jista' jitqies li x'aktarx iseħħ għar-għar.

2. L-identifikazzjoni skond il-paragrafu 1 ta' żoni li jappartjenu għal distrett ta' baċin tax-xmara internazzjonali, jew għal unità ta' maniġġar imsemmija fl-Artikolu 3(2)(b) komuni ma' Stat Membru ieħor, għandha tiġi koordinata bejn l-Istati Membri konċernati.

## KAPITOLU III

### MAPEP TA' PERIKLU TA' GĦARGĦAR U MAPEP TA' RISKJU TA' GĦARGĦAR

#### Artikolu 6

1. L-Istati Membri għandhom fil-livell ta' distrett ta' baċin tax-xmara u unità ta' maniġġar imsemmija fl-Artikolu 3(2)(b), iħejju mapep ta' periklu ta' għar-għar u mapep ta' riskju ta' għar-għar, fl-iskala l-aktar adatta għaż-żoni identifikati skond l-Artikolu 5(1).

2. It-tħejjija ta' mapep ta' periklu ta' għar-għar u mapep ta' riskju ta' għar-għar għal żoni identifikati taħt l-Artikolu 5 li huma komuni ma' Stati Membri oħrajn għandha tkun soġġetta għal skambju minn qabel ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri konċernati.

3. Il-mapep tal-periklu ta' għar-għar għandhom ikopru ż-żoni ġeografiki li jistgħu jiġu mfawra skond ix-xenarji li ġejjin:

(a) għar-għar b'xenarji ta' probabbiltà żgħira jew ta' każijiet estremi;

(b) għar-għar ta' probabbiltà medja (perijodu probabbli ta' rikorrenza  $\geq 100$  sena);

(c) għar-għar ta' probabbiltà kbira, fejn ikun il-każ.



4. Għal kull xenarju msemmi fil-paragrafu 3 għandhom jintwerew l-elementi li ġejjin:

- (a) il-firxa ta' l-għargħar;
- (b) il-fond ta' l-ilma jew il-livell ta' l-ilma skond il-każ;
- (c) fejn xieraq, il-veloċità tal-fluss jew il-fluss ta' l-ilma rilevanti.

5. Il-mapep tar-riskju ta' għargħar għandhom juru l-impatti negattivi potenzjali assoċjati ma' għargħar fix-xenarji msemmija fil-paragrafu 3 u espressi f'termini ta' dawn li ġejjin:

- (a) in-numru indikattiv ta' abitanti li potenzjalment jiġu affettwati;
- (b) it-tip ta' attività ekonomika fiż-żona potenzjalment affettwata;
- (c) stallazzjonijiet kif imsemmijin fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ta' l-24 ta' Settembru 1996 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis <sup>(1)</sup> li jistgħu jikkawżaw tniġġis aċċidentali f'każ ta' għargħar u żoni protetti potenzjalment affettwati identifikati fl-Anness IV(1)(i), (iii) u (v) tad-Direttiva 2000/60/KE;
- (d) informazzjoni oħra li l-Istat Membru jqis li hija utli bħall-indikazzjoni ta' żoni fejn jista' jseħħ għargħar b'kontenut kbir ta' sedimenti trasportati u għargħar bi tkaxkir ta' materjal u informazzjoni dwar sorsi sinifikanti oħra ta' tniġġis.

6. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li, għal żoni kostali fejn jeżisti livell adegwat ta' protezzjoni, it-tħejjija ta' mapep ta' periklu ta' għargħar għandha tkun limitata għax-xenarju msemmi f' paragrafu 3(a).

7. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li għal żoni fejn l-għargħar jiġi minn sorsi ta' ilma ta' taħt l-art, it-tħejjija ta' mapep ta' periklu ta' għargħar għandha tkun limitata għax-xenarju deskritt f' paragrafu 3(a).

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mapep tal-periklu ta' l-għargħar u l-mapep tar-riskju ta' l-għargħar jitlestew sat-22 ta' Diċembru 2013.

#### KAPITOLU IV

#### PJANIJET GĦALL-MANIĠĠAR TAR-RISKJU TA' GĦARGĦAR

##### Artikolu 7

1. Abbażi tal-mapep imsemmija fl-Artikolu 6 l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjanijiet għall-maniġġar tar-riskju ta' għargħar ikkoordinati fil-livell ta' distrett ta' baċin tax-xmara jew unità ta' maniġġar imsemmija fl-Artikolu 3(2)(b) għaż-żoni identifikati fl-Artikolu 5(1) u ż-żoni koperti bl-Artikolu 13(1)(b) skond il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

<sup>(1)</sup> ĠU L 257, 10.10.1996, p. 26. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu oġġettivi adatti għall-maniġġar tar-riskji ta' għargħar għaż-żoni identifikati taħt l-Artikolu 5(1) u ż-żoni koperti bl-Artikolu 13(1)(b), li jiffukaw fuq it-tnaqqs tal-konsegwenzi negattivi potenzjali ta' l-għargħar għas-saħħa tal-bniedem, l-ambjent, il-wirt kulturali u l-attività ekonomika, u, jekk jitqies xieraq, fuq inizjattivi non-strutturali u/jew fuq it-tnaqqs tal-probabbiltà ta' għargħar.

3. Il-pjanijiet għall-maniġġar tar-riskju ta' għargħar għandhom jinkludu miżuri li jilħqu l-oġġettivi stabbiliti skond il-paragrafu 2 u għandhom jinkludu l-komponenti mniżżla fil-Parti A ta' l-Anness.

Il-pjanijiet għall-maniġġar tar-riskju ta' għargħar għandhom iqisu aspetti rilevanti bħall-ispejjeż u l-benefiċċji, il-firxa ta' l-għargħar u r-rotot ta' mogħdija ta' l-għargħar u ż-żoni bil-potenzjal ta' żamma ta' għargħar, bħal pjanuri naturali għall-għargħar, l-oġġettivi ambjentali ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE, il-maniġġar tal-ħamrija u l-ilma, l-ippjanar ta' l-ispażju, l-użu ta' l-art, il-konservazzjoni tan-natura, in-navigazzjoni u l-infras-truttura tal-port.

Il-pjanijiet għall-maniġġar tar-riskju ta' għargħar għandhom jitrattaw l-aspetti kollha tal-maniġġar tar-riskju ta' għargħar u jiffokaw fuq il-prevenzjoni, il-ħarsien, l-istat ta' tħejjija, inkluż it-tbassir ta' għargħar u sistemi ta' twissija minn kmieni u jqisu l-karatteristiċi tal-baċin jew tas-sotto baċin tax-xmara partikolari. Il-pjanijiet għall-maniġġar tar-riskju ta' għargħar jistgħu jinkludu l-promozzjoni tal-prattiki ta' l-użu sostenibbli ta' l-art, titjib fiż-żamma ta' l-ilma kif ukoll l-għargħar ikkontrollat ta' ċerti żoni f'każ li jseħħ għargħar.

4. Fl-interess tas-solidarjetà, pjanijiet ta' maniġġar tar-riskju ta' l-għargħar stabbiliti fi Stat Membru wieħed m'għandhomx jinkludu miżuri li, bil-firxa u l-impatt tagħhom, iżidu b'mod sinifikattiv ir-riskji ta' għargħar 'il fuq jew 'l isfel f'pajjiżi oħra fl-istess baċin jew sotto-baċin tax-xmara, sakemm dawn il-miżuri ma' jkunux ġew ikkoordinati u tkun instabet soluzzjoni miftiehma fost l-Istati Membri konċernati fil-qafas ta' l-Artikolu 8.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjanijiet għall-maniġġar tar-riskju ta' għargħar jitlestew u jiġu ppubblikati sat-22 ta' Diċembru 2015.

##### Artikolu 8

1. Għal distretti ta' baċin tax-xmara jew unità ta' maniġġar imsemmija fl-Artikolu 3(2)(b) li jinsabu kollha kemm huma fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir pjan uniku ta' maniġġar tar-riskju ta' għargħar, jew sett ta' pjanijiet ta' maniġġar tar-riskju ta' għargħar ikkoordinati fil-livell tad-distrett tal-baċin tax-xmara.

2. Fil-każ ta' distrett ta' baċin tax-xmara internazzjonali jew unità ta' maniġġar imsemmija fl-Artikolu 3(2)(b) li tkun kompletament fil-Komunità, l-Istati Membri għandhom jiżguraw koordinazzjoni bil-ħsieb li jsir pjan internazzjonali wieħed ta' maniġġar tar-riskju ta' għargħar, jew sett ta' pjanijiet ta' maniġġar tar-riskju ta' għargħar ikkoordinati fil-livell tad-distrett internazzjonali tal-baċin tax-xmara. Fejn ma jsirux pjanijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jagħmlu pjanijiet ta' maniġġar tar-riskju ta' għargħar li jkopru ta' l-inqas il-partijiet tad-distrett internazzjonali tal-baċin tax-xmara li jinsabu fit-territorju tagħhom, kemm jista' jkun ikkoordinati fil-livell tad-distrett internazzjonali tal-baċin tax-xmara.

3. Fil-każ ta' distrett ta' baċin tax-xmara internazzjonali jew unità ta' maniġġar imsemmija fl-Artikolu 3(2)(b) li testendi lil hinn mill-konfini tal-Komunità, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jiproduċu pjan internazzjonali uniku ta' maniġġar tar-riskju ta' għargħar jew sett ta' pjanijiet ta' maniġġar tar-riskju ta' għargħar ikkoordinati fil-livell tad-distrett ta' baċin tax-xmara internazzjonali; fejn dan ma jistax isir, il-paragrafu 2 għandu japplika għall-partijiet tal-baċin tax-xmara internazzjonali li jinsabu fit-territorju tagħhom.

4. Il-pjanijiet ta' maniġġar tar-riskju ta' għargħar imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandhom jiġu ssupplimentati, fejn meqjus xieraq minn pajjiżi li għandhom sotto baċini kondiviżi, bi pjanijiet ta' maniġġar tar-riskju ta' għargħar aktar dettaljati kkoordinati fil-livell tas-sotto baċini internazzjonali.

5. Fejn Stat Membru jidentifika kwistjoni li għandha impatt fuq il-maniġġar tar-riskju ta' għargħar ta' l-ilmijiet tiegħu u dik il-kwistjoni ma tkunx tista tiġi riżolta minn dak l-Istat Membru, hu jista' jirrapporta l-kwistjoni lill-Kummissjoni u lil kwalunkwe Stat Membru ieħor konċernat u jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet għar-riżoluzzjoni tagħha.

Il-Kummissjoni għandha twieġeb għal kwalunkwe rapport jew rakkomandazzjonijiet mill-Istati Membri fi żmien perijodu ta' sitt xhur.

#### KAPITOLU V

##### COORDINAZZJONI MAD-DIRETTIVA 2000/60/KE, L-INFORMAZZJONI U L-KONSULTAZZJONI TAL-PUBBLIKU

###### Artikolu 9

L-Istati Membri għandhom jieħdu passi xierqa biex jikkoordinaw l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u dik tad-Direttiva 2000/60/KE waqt li jiffokaw fuq l-opportunitajiet għat-titjib ta' l-effiċjenza, l-iskambju ta' l-informazzjoni u biex jinkisbu sinerġiji u benefiċċji komuni wara li jikkunsidraw l-oġġettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/60/KE. B'mod partikolari:

1. L-iżvilupp ta' l-ewwel mapep ta' periklu u riskju ta' għargħar u r-reviżjonijiet sussegwenti tagħhom kif imsemmijin fl-Artikoli 6 u 14 ta' din id-Direttiva, għandhom jitwettqu b' mod illi l-informazzjoni li jkun fihom tkun konsistenti ma' l-informazzjoni rilevanti ppreżentata skond id-Direttiva 2000/60/KE. Huma għandhom jiġu kkoordinati u jistgħu

jiġu integrati mar-reviżjonijiet previsti fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2000/60/KE;

2. L-iżvilupp ta' l-ewwel pjanijiet ta' maniġġar tar-riskju ta' għargħar u r-reviżjonijiet sussegwenti tagħhom kif imsemmi fl-Artikoli 7 u 14 ta' din id-Direttiva għandu jitwettaq, f'koordinazzjoni u jista jiġi ntegrat mar-reviżjonijiet tal-pjanijiet ta' maniġġar ta' baċin tax-xmara previsti fl-Artikolu 13(7) tad-Direttiva 2000/60/KE;

3. L-involvement attiv tal-partijiet interessati kollha taħt l-Artikolu 10 ta' din id-Direttiva għandu jkun ikkoordinat, skond il-każ, ma' l-involvement attiv tal-partijiet interessati taħt l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2000/60/KE.

###### Artikolu 10

1. B'mod konformi mal-leġislażzjoni Komunitarja applikabbli, l-Istati Membri għandhom iqiegħdu l-valutazzjoni preliminari tar-riskju ta' għargħar, il-mapep tal-periklu ta' għargħar, il-mapep tar-riskju ta' għargħar u l-pjanijiet tal-maniġġar tar-riskju ta' għargħar disponibbli għall-pubbliku.

2. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu involvement attiv tal-partijiet interessati fil-produzzjoni, fir-reviżjoni u fl-aġġornament tal-pjanijiet tal-maniġġar tar-riskju ta' għargħar imsemmija fil-Kapitolu IV.

#### KAPITOLU VI

##### MIŻURI TA' IMPLIMENTAZZJONI U EMENDI

###### Artikolu 11

1. Il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 12(2), tadotta formati tekniċi għall-finijiet ta' l-ipproċessar u t-trasmissjoni ta' data, inkluża data statistika u kartografika, lill-Kummissjoni. Il-formati tekniċi għandhom jiġu adottati mill-inqas sentejn qabel id-dati indikati fl-Artikoli 4(4), 6(8) u 7(5), waqt li jitqiesu l-istandards eżistenti kif ukoll il-formati żviluppati fi ħdan l-atti Komunitarji rilevanti.

2. Il-Kummissjoni tista', waqt li tqis il-perijodi għar-reviżjoni u l-aġġornament, tadatta l-Anness għall-progress xjentifiku u tekniku.

Dawn il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 12(3).

###### Artikolu 12

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2000/60/KE.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal tliet xhur.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

## KAPITOLU VII

### MIŻURI TRANSITORJI

#### Artikolu 13

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jwettqux il-valutazzjoni preliminari tar-riskju msemmija fl-Artikolu 4 għal dawk il-baċini tax-xmajjar, sotto-baċini jew żoni kostali fejn ikunu jew:

(a) diġà wettqu valutazzjoni tar-riskju biex jikkonkludu, qabel it-22 ta' Diċembru 2010, li jeżisti potenzjal ta' riskju ta' għargħar sinifikanti jew jista' jitqies li x'aktarx iseħħ li jwassal għall-identifikazzjoni taż-żona fost dawk imsemmijin fl-Artikolu 5(1) jew

(b) iddeċidew qabel it-22 ta' Diċembru 2010 li jħejju mapep ta' periklu ta' għargħar u mapep ta' riskju ta' għargħar u li jistabbilixxu pjanijiet għall-maniġġar tar-riskju ta' għargħar skond id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu użu mill-mapep tal-periklu ta' għargħar u l-mapep tar-riskju ta' għargħar iffinalizzati qabel it-22 ta' Diċembru 2010, jekk tali mapep jipprovdu livell ta' informazzjoni ekwivalenti għall-ħtiġiet ta' l-Artikolu 6.

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu użu minn pjanijiet ta' maniġġar tar-riskju ta' għargħar iffinalizzati qabel it-22 ta' Diċembru 2010, sakemm il-kontenut ta' dawn il-pjanijiet ikun ekwivalenti għall-ħtiġiet imniżżla fl-Artikolu 7.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14.

## KAPITOLU VIII

### REVIŻJONIJIET, RAPPORTI U DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

#### Artikolu 14

1. Il-valutazzjoni preliminari tar-riskju ta' għargħar, jew il-valutazzjoni u d-deċiżjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 13(1), għandha tiġi riveduta u jekk ikun meħtieġ aġġornata sat-22 ta' Diċembru 2018 u kull sitt snin minn hemm 'il quddiem.

2. Il-mapep ta' periklu u l-mapep ta' riskju ta' għargħar għandhom jiġu riveduti, u jekk ikun meħtieġ aġġornati, sat-22 ta' Diċembru 2019, u kull sitt snin minn hemm 'il quddiem.

3. Il-pjan(ijiet) tal-maniġġar tar-riskju ta' għargħar għandhom jiġu riveduti u jekk meħtieġ aġġornati, bl-inklużjoni tal-komponenti li hemm fil-parti B ta' l-Anness, sat-22 ta' Diċembru 2021 u kull sitt snin minn hemm 'il quddiem.

4. L-impatt probabbli ta' bidla fil-klima fuq l-okkorrenza ta' l-għargħar għandha titqies fir-reviżjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 1 u 3.

#### Artikolu 15

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-Kummissjoni l-valutazzjoni preliminari tar-riskju ta' għargħar, il-mapep tal-periklu ta' għargħar, il-mapep tar-riskju ta' għargħar u l-pjanijiet tal-maniġġar tar-riskju ta' għargħar imsemmija fl-Artikoli 4, 6 u 7, kif ukoll ir-reviżjoni tagħhom u, fejn applikabbli, l-aġġornamenti tagħhom fi żmien tliet xhur wara d-dati indikati rispettivament fl-Artikoli 4(4), 6(8), 7(5) u 14.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjonijiet meħudin skond l-Artikolu 13(1), (2) u (3) u jagħmlu disponibbli l-informazzjoni rilevanti dwar dan sad-dati indikati rispettivament fl-Artikoli 4(4), 6(8) u 7(5).

#### Artikolu 16

Sa mhux aktar tard mit-22 ta' Diċembru 2018, u kull sitt snin minn hemm 'il quddiem il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. L-impatt tal-bidla fil-klima għandu jitqies waqt it-fassil ta' dan ir-rapport.

#### Artikolu 17

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sas-26 ta' Novembru 2009. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta Stati Membri jadottaw dawn il-miżuri dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

#### Artikolu 18

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

#### Artikolu 19

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, 23 ta' Ottubru 2007.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

H.-G. PÖTTERING

Mill-Kunsill

Il-President

M. LOBO ANTUNES

## ANNEX

## A. Pjanijiet għall-maniġġar tar-riskju ta' għargħar

## I. Il-komponenti ta' l-ewwel pjanijiet ta' maniġġar tar-riskju ta' għargħar:

1. il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni preliminari tar-riskju ta' għargħar kif meħtieġ fil-Kapitolu II fil-forma ta' mappa sommarja tad-distrett ta' baċin tax-xmara jew l-unità ta' maniġġar imsemmija fl-Artikolu 3(2)(b), li tiddelinea ż-żoni identifikati skond l-Artikolu 5(1) li huma s-suġġett ta' dan il-pjan ta' maniġġar tar-riskju ta' għargħar;
2. il-mapep tal-periklu ta' għargħar u l-mapep tar-riskju ta' għargħar kif imħejjija skond il-Kapitolu III, jew diġà fis-seħħ skond l-Artikolu 13, u l-konklużjonijiet li jistgħu jittieħdu minn dawk il-mapep;
3. deskrizzjoni ta' l-oġettivi adatti tal-maniġġar tar-riskju ta' għargħar, stabbiliti skond l-Artikolu 7(2);
4. sommarju tal-miżuri u fl-ordni skond il-prijorità tagħhom li għandhom l-għan li jinkisbu l-oġettivi adatti tal-maniġġar tar-riskju ta' għargħar, inklużi l-miżuri meħudin skond l-Artikolu 7, u l-miżuri marbutin ma' l-għargħar meħudin skond atti Komunitarji oħrajn, inkluż id-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar il-valutazzjoni ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent<sup>(1)</sup>, u 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-kontroll ta' perikli maġġuri ta' inċidenti li jinvolvu sustanzi perikolużi<sup>(2)</sup>, id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar il-valutazzjoni ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent<sup>(3)</sup> u d-Direttiva 2000/60/KE;
5. meta tkun disponibbli, għal baċini jew sotto-baċini kondiviżi ta' xmara, deskrizzjoni tal-metodoloġija, iddefinita mill-Istati Membri konċernati, ta' l-analiżi kost-benefiċċju użata għall-valutazzjoni tal-miżuri b'effetti trans-nazzjonali.

## II. Deskrizzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-pjan:

1. deskrizzjoni tal-prijorità u tal-mod li bih se jiġi s-sorveljat il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan;
2. sommarju ta' l-informazzjoni pubblika u l-miżuri/azzjonijiet ta' konsultazzjoni meħudin;
3. lista ta' awtoritajiet kompetenti u, kif meħtieġ, deskrizzjoni tal-proċess ta' koordinazzjoni fi ħdan kwalunkwe distrett ta' baċin tax-xmara internazzjonali u tal-proċess ta' koordinazzjoni mad-Direttiva 2000/60/KE.

## B. Il-komponenti ta' l-aġġornament sussegwenti tal-pjanijiet tal-maniġġar tar-riskju ta' għargħar:

1. kwalunkwe tibdil jew aġġornament minn wara l-pubblikazzjoni tal-verżjoni preċedenti tal-pjan tal-maniġġar tar-riskju ta' għargħar, inkluż sommarju tar-reviżjonijiet imwettqa f'konformità ma' l-Artikolu 14;
2. valutazzjoni tal-progress li sar lejn il-kisba ta' l-oġettivi msemmijin fl-Artikolu 7(2);
3. deskrizzjoni ta', u spjegazzjoni għal, kwalunkwe miżura prevista fil-verżjoni preċedenti tal-pjan tal-maniġġar tar-riskju ta' għargħar li kienet ipplanata li titwettaq u li ma saritx;
4. deskrizzjoni ta' kwalunkwe miżura addizzjonali minn wara l-pubblikazzjoni tal-verżjoni preċedenti tal-pjan tal-maniġġar tar-riskju ta' għargħar.

(1) ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 17).

(2) ĠU L 10, 14.1.1997, p. 13. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 97).

(3) ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30.

## II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

## DEĊIŻJONIJIET

## KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Ottubru 2007

**li jemenda l-Appendiċi B ta' l-Anness VII ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fir-rigward ta' ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam, tal-laħam tat-tjur, tal-ħut u tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib fir-Rumanija**

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5210)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/710/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

istabbilimenti fir-Rumanija elenkati fl-Appendiċi B ta' l-Anness VII ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ("il-lista ta' l-istabbilimenti") sal-31 ta' Diċembru 2009, b'ċerti kundizzjonijiet.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Anness VII, Kapitolu 5, Sezzjoni B, Sottosezzjoni I, paragrafu (e) tiegħu,

(3) Il-lista ta' stabbilimenti ġiet aġġornata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/23/KE tat-22 ta' Diċembru 2006 li temenda l-Appendiċi B ta' l-Anness VII ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2005 fir-rigward ta' ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam, il-ħalib u l-ħut fir-Rumanija <sup>(3)</sup>.

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel <sup>(1)</sup> u r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jstabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali <sup>(2)</sup> jistipulaw ċerti rekwiżiti strutturali għal stabbilimenti li jaqgħu fl-ambitu ta' dawk ir-Regolamenti.

(2) L-Anness VII, Kapitolu 5, Sezzjoni B, Sottosezzjoni I, paragrafu (a) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija jstipula li ċerti rekwiżiti strutturali stipulati f'dawk ir-Regolamenti m'għandhomx japplikaw għall-

(4) Fir-Rumanija, ċerti stabbilimenti fis-setturi tal-laħam, tal-laħam tat-tjur, tal-ħut u tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib lestew il-proċess ta' aġġornament u issa huma konformi għal kollox mal-leġislażzjoni Komunitarja. Barra minn hekk, ċerti stabbilimenti waqqfu l-attivitajiet tagħhom. Għaldaqstant il-lista ta' stabbilimenti għandha tiġi emendata biex jitqiesu dawn il-bidliet.

(5) Barra minn hekk, fir-Rumanija ċerti stabbilimenti tal-laħam, tal-laħam tat-tjur, tal-ħut, u tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib qed isibu diffikultajiet biex jikkonformaw mar-rekwiżiti strutturali rilevanti stipulati fir-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004 minħabba limitazzjonijiet tekniċi. Dawk l-istabbilimenti jeħtieġu iżjed ħin biex jispiċċaw il-proċess ta' aġġornament sabiex jiġu għal kollox konformi mar-rekwiżiti strutturali rilevanti stipulati f'dawk ir-Regolamenti. Dawk l-istabbilimenti għandhom għalhekk jiżdiedu mal-lista ta' stabbilimenti li qegħdin fi transizzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1; ikkoreġuta bil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 3.

<sup>(2)</sup> ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55; ikkoreġuta bil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

<sup>(3)</sup> ĠU L 8, 13.1.2007, p. 9.

- (6) Dawk l-istabbilimenti pprovdedw garanziji li għandhom il-fondi neċessarji biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet li għad fadlilhom fi żmien il-perjodu transitorju. It-tagħrif dettaljat rigward in-nuqqasijiet għal kull stabbiliment huwa disponibbli.
- (7) F'għieh iċ-ċarezza tal-leġislazzjonijiet Komunitarji, huwa xieraq li l-lista ta' stabbilimenti li tinsab fl-Appendiċi B ta' l-Anness VII ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija tinbidel bil-lista li tinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.
- (8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Appendiċi B ta' l-Anness VII ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija qiegħed jinbidel bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 29 ta' Ottubru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membri tal-Kummissjoni*

## ANNEX

"Appendiċi B ta' l-Anness VII

**Lista ta' stabbilimenti tal-laħam, tal-laħam tat-tjur, tal-ħut u tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib imsemmija fil-Kapitolu 5, Sezzjoni B, Sottosezzjoni I, ta' l-Anness VII****Stabbilimenti tal-laħam**

Nru	Approvazzjoni veterinarja	Isem l-istabbiliment	Indirizz
1	AB 927	S.C. Lider Prod Carn SRL	Alba Iulia, Jud. Alba, 510340
2	AB 2588	S.C. Crimbo Carn SRL	Zlatna, Jud. Alba, 516100
3	AB 2771	S.C. Montana Popa SRL	Blaj, Str. Għ. Barițiu, jud. Alba, 515400
4	AB 2957	S.C. Miacarn SRL	Miraslau, Str. Abatorului nr. 1, jud. Alba, 517470
5	AB 3263	S.C. Transeuro SRL	Ighiu, str. Principală nr. 205 A jud. Alba, 517360
6	AG 002 IC	S.C. Agofloris Prod SRL	Stefanesti, Jud. Arges, 117715
7	AG 005 IC	S.C. Abatorul Campulung	Campulung, Jud. Arges, 115100
8	AG 008 IC	S.C. Carmen SRL	Bascov, Jud. Arges, 117045
9	AG 013 IC	S.C. Radic Star SRL	Stefanesti Str. Cavalerului nr. 893, Jud. Arges, 117715
10	AG 017 IC	S.C. Coșcovele SRL	Rucar Str. Industriasilor nr. 1, jud. Arges, 117630
11	AG 024 IC	S.C. Rador A&E SRL	Bascov, str. Serelor nr. 48, jud. Arges, 117045
12	AG 026 IC	S.C. Muntenia SRL	Costesti, Jud. Arges, 115201
13	AG 29 IC	S.C. Tehnic Complex	Topoloveni, Jud. Arges 115500
14	AR 2146	S.C. Maier Com SRL	Pecica, FN, jud. Arad, 317235
15	AR 4798	S.C. Crimona SRL	Arad, Str. M. Tabacovici, nr. 5 jud. Arad, 310249
16	AR 4927	S.C. Prodalim SRL	Arad, Str. Feleacului, nr. 1, jud. Arad, 310396
17	AR 4930	S.C. Filip D Impex SRL	Arad, Str. Lacrimioa-relor, nr. 4/A, jud. Arad, 310445
18	AR 5065	S.C. RB Prod SRL	Arad, Str. Constituției, jud. Arad, 310227
19	AR 5307	S.C. Chibax SRL	Arad, Str. Bodroglui, nr. 20, jud. Arad, 310059
20	AR 5806	S.C. Combinatul Agroind Curtici	Curtici, Str. Revoluției nr. 33, jud. Arad, 315200
21	AR 6119	S.C. Ropilin Impex SRL	Arad, Str. Calea Bodroglui nr. 20, jud. Arad, 310059
22	B 208	S.C. Rabet Prod SRL	Bucuresti, 062620
23	B 586	S.C. Fleischmeister Prod SRL	Bucuresti, 062620
24	B 764	S.C. Antrefrig SRL	Bucuresti, 062620
25	B 830	S.C. Romalim SRL	Bucuresti, 062620
26	B 39826	S.C. Val Com 50 SRL	Bucuresti, 062620
27	B 40632	S.C. Medeus & Co Prodimpex SRL	București, Str. Parcului nr. 20, sector 1, București, 012329

Nru	Approvazzjoni veterinarija	Isem l-istabbiliment	Indirizz
28	B 70304	S.C. Vericom 2001 SRL	Str. Turnu Magurele nr. 17, Bucuresti, 041706
29	B 71201	S.C. Clasinterprod SRL	Bucuresti, 062620
30	BC 2	S.C. Agricola Internat SA.	Bacau, Jud. Bacau, 600450
31	BC 1022	S.C. Carmun SRL	Loc. Oituz, Poiana Sarata, jud. Bacau, cod 607371
32	BC 1306	S.C. Bunghez Prodcum SRL	Onesti, Str. Cașinului nr. 2, jud. Bacau, 601007
33	BC 2598	SC Salbac Dry Salami	Bacau, Jud. Bacau, 600450
34	BC 3178	S.C. Nicbac SRL	Loc. N. Balcecu, jud. Bacău, cod 607355
35	BC 4165	S.C. Tiberias 2000 SRL	Racaciuni, jud. Bacau, 607480
36	BC 5196	S.C. Miralex SRL	Loc. Bacau, str. Bicaș, nr. 8, Jud. Bacau, cod 600293
37	BC 5733	S.C. Alimenta S.A.	Bacau, Str. Arinilor nr. 13, jud. Bacau, 600351
38	BH 036	S.C. Toto Flor Com SRL	Madaras, Jud. Bihor, 417330
39	BH 102	S.C. Prodaliment SA	Salonta, Str. Republicii, nr. 101, jud. Bihor, 41550
40	BH 110	S.C. Nutrientul SA	Oradea, str. Cazaban nr. 134, jud. Bihor, 410276
41	BH 223	S.C. Florian Impex.SRL	Oradea, str. Morii nr. 11/B, jud. Bihor, 410577
42	BH 226	S.C. Distinct Comimpex. SRL	Oradea, Jud. Bihor, 410710
43	BH 704	S.C. Carmangerie Tavi-Bogdan SRL	Oradea, str. Dobrogei nr. 21, jud. Bihor, 410526
44	BH 1534	S.C. Columbia Romimpex SRL.	Oradea, str. Arțarilor nr. 13/A, jud. Bihor, 410258
45	BH 2010	S.C. Sarilma Com.SRL	Loc. Sumugiu nr. 15, jud. Bihor, 417279
46	BH 2029	S.C. Cominca.SA	Oradea, str. Octavian Goga nr. 4, jud. Bihor, 410221
47	BH 2227	S.C. Andromi Com.SRL	Oradea, str. Fagurelui nr. 18, jud. Bihor 410222
48	BH 3001	S.C. Global Agro Prod SRL	Sârbi nr. 469, jud. Bihor, 417520
49	BH 3092	S.C. Inter Prod Com SRL	Sacueni, str. Leta Mare, jud. Bihor, 417435
50	BH 5073	S.C. Betarom Impex SRL	Valea Mihai, Jud. Bihor, 415700
51	BH 5122	S.C. Abrumar	Sântandrei, nr. 62/B, jud. Bihor, 417515
52	BH 5185	S.C. Carmangerie Tavi-Bogdan SRL	Loc. Mihai Bravu nr. 169, jud. Bihor, 417237
53	BH 5341	S.C. Abator Dara SRL	Tulca 668 A, jud. Bihor, 417600
54	BN 2041	S.C. Sonil	Feldru, str. Ridul Zavoi, nr. 1209, jud. Bistrița-Năsăud, 427080
55	BN 2097	S.C. Agroinvest Prod SRL	Bistrita,, str. Libertatii, nr. 41, jud. Bistrița-Năsăud, 420155
56	BN 2184	S.C. Caraiman	Bistrița, str. Tarpiului, nr. 26A, jud. Bistrița-Năsăud, cod: 420062
57	BN 2207	S.C. Rebrisoreana Trans SRL	Bistrița, Drumul Cetății nr. 7A, jud. Bistrita-Năsăud, 420063



Nru	Approvazzjoni veterinarija	Isem l-istabbiliment	Indirizz
58	BN 2227	S.C. Unic Cremona	Bistrita, str. Tarpiului, F.N., jud. Bistrița-Năsăud, cod: 420062
59	BR 62	S.C. Doraliment Prod SRL	Brăila, Jud. Braila, 810650
60	BR 405	S.C. Dany Vio SRL	Brăila, Str. Milcov 166, jud. Brăila, 810335
61	BR 406	S.C. Cento Trading SRL	Brăila, Str. Milcov 166, jud. Brăila, 810335
62	BR 574	S.C. Electiv Prod SRL	Comuna Romanu, jud. Brăila, 817115
63	BR 629	S.C. Melkart SRL	Brăila, Str. Barbu Ștefănescu 1, Brăila, jud. Brăila, 810186
64	BR 774	S.C. Tazz Trade SRL	Brăila, Str. Faleza Portului, nr. 2, jud. Brăila 810529
65	BT 125	S.C. Impex Dona SRL	Băia, jud. Botoșani, 717246
66	BT 132	S.C. Petanic Prod SRL	Flămânzi, jud. Botoșani, 717155
67	BT 133	AF Fediuc Aurel	Curtești, jud. Botoșani, 717110
68	BT 138	S.C. Sagrod SRL	Darabani, Str. Muncitorului, jud. Botoșani, 715100
69	BT 140	S.C. Raffaello SRL	Tîngeni, jud. Botoșani, 717120
70	BT 144	S.C. Agrocarn Company SRL	Botoșani, Str. Pod de Piatra nr. 89, jud. Botoșani 710350
71	BT 188	SC Mary Com Impex SRL	Str. Stegari, nr. 24, Botoșani, jud. Botoșani 710021
72	BT 194	S.C. Practic Comerț SRL	Darabani, Str. 1 Decembrie nr. 168, jud. Botoșani 715100
73	BT 196	S.C. Carne Com SRL	Dracșani, jud. Botoșani, 717374
74	BT 198	S.C. Emanuel Com SRL	Răchiți, jud. Botoșani, 717310
75	BT 202	S.C. Zacom SRL	Bajura, jud. Botoșani, 715101
76	BV 175	S.C. Nelgiani Com SRL	Brașov, Jud. Brasov, 500650
77	BV 1593	S.C. Panfil SRL	Brașov str. Plevnei nr. 13, jud. Brașov 500187
78	BV 1931	S.C. Sergiana Prod Impex SRL	Poiana Mărului str. Principala nr. 339 B, jud. Brașov 507160
79	BV 2807	S.C. Duprod SRL	Codlea str. Halchiului nr. 4, jud. Brașov 505100
80	BZ 101	S.C. Frasinu SA	Buzau, Sos Sloboziei km 2, jud. Buzău 120360
81	BZ 103	S.C. Neptun Ramnic SRL	Râmnicu Sărat, Str. Eroilor nr. 1, jud. Buzău, 125300
82	BZ 104	S.C. N 2001 SRL	Cochirleanca, jud. Buzau, 127190
83	BZ 109	S.C. Ferma Cătălin-Anicom SRL	Pogoanele, Str. N. Bălcescu, jud. Buzău, 125200
84	BZ 110	S.C. Carmozimbrul	Râmnicu Sărat, Str. LTL. Sava Rosescu 140, jud. Buzău, 125300
85	BZ 112	S.C. Tri 94 Prod Com SRL	Com Berca, Sat Valea Nucului, jud. Buzău, 127048
86	BZ 114	S.C. Total Activ SRL	Posta Calnau, Jud. Buzau, 127485
87	BZ 115	S.C. Ferm Com Prod SRL	Căldărăști, jud. Buzău, 125201
88	BZ 204	S.C. Comsoradi SRL	Buzău, Str. Bucegi 14, jud. Buzău, 120208

Nru	Approvazzjoni veterinara	Isem l-istabbiliment	Indirizz
89	CJ 108	S.C. Turism Valcele SRL	Vâlcele FN, jud. Cluj, 407274
90	CJ 120	S.C. Mariflor SRL	Gherla, Jud. Cluj, 405300
91	CJ 122	S.C. Riana Servprodcom SRL	Iclod FN, jud. Cluj, 407335
92	CJ 135	S.C. Maxialiment SRL	Turda, str. Clujului, nr. 194, jud. Cluj 401180
93	CJ 140	S.C. Maria Cris SRL	Huedin, str. Horea, FN, jud. Cluj 405400
94	CJ 474	S.C. Xamus SRL	Baciu, str. Principală, nr. 294, jud. Cluj 407055
95	CJ 3261	S.C. Flora SA	Gârbău, FN, jud. Cluj, 407295
96	CJ 5519	S.C. 2 T Prod SRL	Cluj-Napoca, Str. Taberei nr. 3A, jud. Cluj, 400512
97	CL 0182	S.C. Agrosud SRL	Oltenita, str. 1 Decembrie, nr. 1 E, jud. Călărași, 915400
98	CL 0545	S.C. Dragomir Impex SRL	Com. Cuza Voda, jud. Călărași, 917045
99	CL 1388	S.C. Donald's SRL	Com. Dorobantu, jud. Călărași, 917065
100	CL 1446	S.C. Izocom MC SA	Cuza Vodă, jud. Călărași, 917045
101	CL 1598	S.C. Comaro SRL	Oltenita, str. Cuza Voda, nr. 131, jud. Călărași 915400
102	CS 33	S.C. Stauber SRL	Caransebeș, Str. Sestul Rosu nr. 5, jud. Caraș 325400
103	CS 40	S.C. Palaloga Carneprep SRL	Bocșa, Str. Binișului nr. 1, jud. Caraș 325300
104	CS 47	S.C. Gospodarul SRL	Reșița, Str. Țerovei, F.N. jud. Caraș 320044
105	CS 55	S.C. Simon Prod Com SRL	Berzovia, Str. Fizeșului, F.N. jud. Caraș 327030
106	CS 61	S.C. Mona Lisa SRL	Resita, Jud. Caras – Severin, 320290
107	CS 541	S.C. Agrokraft SRL	Berzovia, Str. Timișorii nr. 2, jud. Caraș 327030
108	CS 2147	S.C. Cavarantana Comp. SA	C-tin Daicoviciu 1A, jud. Caraș, 327090
109	CS 2506	S.C. Marbek Impex SRL	Reșița, Str. Țerovei, nr. 10, jud. Caraș 320044
110	CT 5	S.C. Carmeco SA	Constanta, Sos. Mangaliei nr. 74, jud. Constanta, 900116
111	CT 19	S.C. Carnob SRL	Lumina, Str. Lebedelor nr. 1A, jud. Constanța, 907175
112	CV 123	S.C. Torro Impex SRL	Loc.Lemnia, Str. Principală 375, jud. Covasna, 527110
113	CV 154	S.C. Casalco SA	Sf. Gheorghe, Str. Jókai Mór nr. 9-11, jud. Covasna 520046
114	CV 158	S.C. Agrochem SRL	Câmpu Frumos 5, jud. Covasna, 520072
115	CV 1776	S.C. Lefrumarin 2000 SRL	Micloșoara, Str. Laterală nr. 201, jud. Covasna, 525104
116	CV 2544	S.C. Prod. Com. Tib-Giz SRL	Sf. Gheorghe, Str. Mikes Kelemen nr. 39, jud. Covasna, 520028
117	DB 3075	S.C. Branis Agro SRL	Branistea, Jud. Dambovita, 137050
118	DB 3341	S.C. Nin Bog SRL	Sotanga, Jud. Dambovita, 137430

Nru	Approvazzjoni veterinarija	Isem l-istabbiliment	Indirizz
119	DB 3451	S.C. Libertatea SRL	Brănești, jud. Dambovita, 137055
120	DB 3457	S.C. Neval SRL	Pietroșița, jud. Dâmbovița, 137360
121	DJ 222	S.C. Elisiria SRL	Podari, Jud. Dolj, 207465
122	DJ 312	S.C. Olas Prod SRL	Craiova, Str. N. Romanescu nr. 130, jud. Dolj, 200738
123	GJ 5	S.C. Lexi Star SRL	Sat Bucureasa, Com Danesti, jud. Gorj, 217200
124	GJ 2234	S.C. Atos Garant SRL	Sat Urechești com. Dragutesti, jud. Gorj, 217225
125	GL 0369	S.C. Serbănești Livada SRL	Com.Liesti, jud. Galați, 805235
126	GL 0853	S.C. Atfab SRL	Tecuci, str. Mihail Kogalniceanu nr. 64, jud. Galați, 805300
127	GL 3026	S.C. Top Fish Food SRL	Galati, str. Traian nr. 437, jud. Galați, 800179
128	GL 3330	S.C. Karomtec SRL	Tecuci, str. Mihail Kogalniceanu nr. 48 jud. Galați, 805300
129	GL 3710	S.C. Saltempo SRL	Galati, Jud. Galati, 800830
130	GL 4121	S.C. Romnef SRL	Munteni, Jud. Galati, 807200
131	GR 5663	S.C. Carnig SRL	Giurgiu, Șos București Km 3, jud. Giurgiu, 080301
132	HD 2	S.C. Adept Prod SRL	Deva, Jud. Hunedoara, 330520
133	HD 28	S.C. Alexcom SRL	Orăștie, str. Erou O. Munteanu, nr. 15 jud. Hunedoara, 335700
134	HD 66	S.C. Agrocompany SRL	Com. Certeju de Sus, sat Nojag, nr. 1A, jud. Hunedoara, 337196
135	HD 78	S.C. Carman DC Prest SRL	Orăștie, str. Luncii, nr. 3, jud. Hunedoara, 335700
136	HD 89	S.C. Rotina Product SRL	Hunedoara, str. Libertății, nr. 4, jud. Hunedoara, 331128
137	HD 143	S.C. Lorialba Prest SRL	Brad, Str. Crișul Alb nr. 1, jud. Hunedoara, 335200
138	HD 147	S.C. Agrocompany SRL	Sântuhalm, nr. 123, jud. Hunedoara, 330004
139	HR 73	S.C. Elan Trident SRL	Odorheiu Secuiesc, Str. Rákóczi Ferenc 90, jud. Harghita, 535600
140	HR 84	S.C. Amiral SRL	Mrea Ciuc, Jud. Harghita, 530320
141	HR 153	S.C. Arterimpex SRL	Gheorgheni, Str. Kossuth Lajos nr. 211, jud. Harghita, 535500
142	HR 207	S.C. Decean SRL	Mrea Ciuc, Jud. Harghita, 530320
143	HR 263	S.C. Avicoopex SRL	Cristuru Secuiesc, Str. Orban Balays, jud. Harghita, 535400
144	IF 42	S.C. Zena SRL	Domnesti, Jud. Ilfov, 077090
145	IF 2188	S.C. Preda Prod Com SRL.	Com. Jilava, Jud. Ilfov, 077120
